**QORTI KRIMINALI**

**Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.**

**Att ta' Akkuża numru: 15/2018**

**IR-REPUBBLIKA TA' MALTA**

**Kontra**

***OMISSIS***

**Illum, 11 ta' Jannar 2019.**

Il-Qorti,

Rat l-att tal-Akkuza numru 15 tas-sena 2018 mahrug, fil-konfront ta' *Omissis*, detentur tal-karta tal-identita' Maltija li ggib in-numru 535993(M), fejn fl-ewwel Kap l-Avukat Generali, ipremetta:

Illi, nhar is-sbatax (17) ta' Novembru tas-sena elfejn u sbatax (2017), il-Pulizija Ezekuttiva ġiet infurmata da parti tac-*Child Protection Services* illi kienu għadhom kemm irċevew *referral* mill-iSkola *Omissis*, li fiha kien hemm indikat li *Omissis*, ta'

erbatax (14) -il sena, kienet irrapurtat diversi inċidenti t'abbuz sesswali li kienu allegatament seħħew fuqha da parti tal-kuġin tagħha ***Omissis***;

Illi, *Omissis* ġiet mitkellma mill-Pulizija u sussegwentement anke xehdet *viva voce* quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, fejn fost oħrajn, hija stqarret li kienet abbuzata sesswalment mill-akkuzat ***Omissis*** minn mindu hija kellha sebgħa (7) snin sa ma għalqet l-erbatax (14) il-sena. *In oltre*, hija kompliet tistqarr li dan l-abbuz kien isir fir-residenza tan-nanna tagħhom ġewwa l-Marsa u li dan l-abbuz kien iseħħ ċirka darba kull ġimgħa. *Omissis* stqarret ukoll li l-akkuzat ***Omissis*** kien bosta drabi jmissilha l-parti privata tagħha, anke minn fuq il-laħam, kif ukoll kien iġiegħlha tmiss il-parti privata tiegħu u saħansitra kien jaqbdilha jdejha u jtellaħilha l-fuq u jnizzililha l-isfel fuq il-parti privata esposta tiegħu;

Illi, *Omissis* umbagħad għaddiet sabiex tirrakonta episodju partikolari ieħor fejn tgħid li darba fost l-oħrajn, meta hi kien għad kellha għaxar (10) snin, l-akkuzat ***Omissis*** kien tellagħha fuq il-bejt tar-residenza tan-nanna tagħhom u hemmhekk kien poġġiha fuq il-*washing machine*, b'dahra lejh u b'saqajha l-barra, kien neħħielha s-*shorts* u l-qalziet ta' taħt li kienet liebsa u kien għaddha sabiex jistupraha, u ċioe kellu konġunġiment karnali magħha, u dana kontra l-volonta' tagħha, billi ppenetra l-parti ġenitali tagħha permezz tal-parti ġenitali tiegħu. Hija kienet weġgħat, għamlet xi ħoss, u hu, meta ra hekk, kien waqaf u qallha biex ma tgħid lil ħadd b'dak li kien seħħ;

Illi, dan l-istupru huwa wieħed aggravat ai termini tal-liġi *stante* li:

- Ġie kommess fuq minuri, kif ukoll
- Ġie kommess fuq il-persuna ta' persuna oħra li jiġu minn xulxin mid-demm jew bi zwieġ sat-tielet grad inkluzivament, kif ukoll
- Ġie kommess fuq persuna vulnerabbli, u ċioe fuq persuna ta' taħt il-ħmistax (15) -il sena.

Illi, għalhekk, b'għemilu, l-akkużat ***Omissis***, sar ħati ta' **stupru vjolenti aggravat**, u ċioe' talli bejn Jannar tas-sena elfejn u tlettax (2013) u Jannar tas-sena elfejn u erbatax (2014), ġewwa l-Gzejjer Maltin, **bil-vjolenza, ikkommetta stupru fuq il-persuna tas-sess femminili (*Omissis*)**, b'dana illi dan l-istupru huwa wieħed aggravat *stante* li ġie kommess fuq minuri, kif ukoll ġie kommess fuq il-persuna ta' persuna oħra li jiġu minn xulxin mid-demm jew bi zwieġ sat-tielet grad inklusivament, kif ukoll li ġie kommess fuq persuna vulnerabbli, u ċioe fuq persuna ta' taħt il-ħmistax (15) -il sena.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmija akkużat ***Omissis***, ħati ta' **stupru vjolenti aggravat**, u ċioe' talli bejn Jannar tas-sena elfejn u tlettax (2013) u Jannar tas-sena elfejn u erbatax (2014), ġewwa l-Gzejjer Maltin, **bil-vjolenza, ikkommetta stupru fuq il-persuna tas-sess femminili (*Omissis*)**, b'dana illi dan l-istupru huwa wieħed aggravat *stante* li ġie kommess fuq minuri, kif ukoll ġie kommess fuq il-persuna ta' persuna oħra li jiġu minn xulxin mid-demm jew bi zwieġ sat-tielet grad inklussivament, kif ukoll li ġie kommess fuq persuna vulnerabbli, u ċioe fuq persuna ta' taħt il-ħmistax (15) -il sena.

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat ***Omissis***, u illi huwa jiġi kkundannat għall-**piena ta' priġunerija minn sitt (6) snin sa erbgħin (40) sena, bir-rekluzjoni jew mingħajrha**, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 31, 198, 202(g),202(h)(vii), 202(k), 208AĊ(2), 383, 384, 385, 412Ċ, 532A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Illi l-Avukat Generali fit-tieni kap ipremetta:

Illi, nhar is-sbatax (17) ta' Novembru tas-sena elfejn u sbatax (2017), il-Pulizija Ezekuttiva ġiet infurmata da parti tac-*Child Protection Services* illi kienu għadhom kemm irċevew *referral* mill-iSkola *Omissis*, li fiha kien hemm indikat li *Omissis*, ta' erbatax (14) -il sena, kienet irrapurtat diversi inċidenti t'abbuz sesswali li kienu allegatament seħħew fuqha *da parti* tal-kuġin tagħha ***Omissis***;

Illi, *Omissis* ġiet mitkellma mill-Pulizija u sussegwentement anke xehdet *viva voce* quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, fejn fost oħrajn, hija stqarret li kienet abbuzata sesswalment ripetutatment mill-akkuzat ***Omissis*** minn mindu hija kellha sebgħa (7) snin sa ma għalqet l-erbatax (14) il-sena. Hija stqarret li matul dik il-medda ta' zmien, il-kuġin tagħha ***Omissis*** kien ġiegħlha tipparteċipa f'attivitajiet sesswali miegħu u dana ġewwa ir-residenza tan-nanna tagħhom ġewwa l-Marsa. *In oltre*, hija kompliet tistqarr li dan l-abbuz kien iseħħ ċirka darba kull ġimgħa bejn Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) u Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017). *Omissis* stqarret ukoll li l-akkuzat ***Omissis*** kien bosta drabi jmissilha l-parti privata tagħha, anke minn fuq il-laħam, kif ukoll kien iġiegħlha tmiss il-parti privata tiegħu u saħansitra kien jaqbdilha jdejha u jtellaħilha l-fuq u jnizzililha l-isfel fuq il-parti privata esposta tiegħu;

Illi, *Omissis* umbagħad għaddiet sabiex tirrakonta episodju partikolari ieħor fejn tgħid li meta hi kien għad kellha għaxar (10) snin, l-akkuzat ***Omissis*** kien stupraha, kif hemm stipulat fl-Ewwel Kap ta' dan l-Att t'Akkuza;

Illi, dan ir-reat huwa wieħed aggravat ai termini tal-liġi *stante* li:

- Ġie kommess fuq il-persuna ta' persuna oħra li jiġu minn xulxin mid-demm jew bi zwieġ sat-tielet grad inklussivament, kif ukoll

- Ġie kommess fuq persuna vulnerabbli, u ċioe fuq persuna ta' taħt il-ħmistax (15) -il sena;
- Ġie kommess ripetutament; kif ukoll
- Ġie kommess minn membru tal-familja tal-vittma.

Illi, għalhekk, b'għemilu, l-akkużat ***Omissis*** sar ħati ta' talli bejn Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) u Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017), b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'rizoluzzjoni waħda, ġewwa l-Gzejjer Maltin, **ipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taħt l-eta' (*Omissis*)**, b'dana illi dan ir-reat huwa wieħed aggravat *stante* li ġie kommess fuq il-persuna ta' persuna oħra li jiġu minn xulxin mid-demm jew bi zwieġ sat-tielet grad irrespettivament, kif ukoll li ġie kommess fuq persuna vulnerabbli, u ċioe fuq persuna ta' taħt il-ħmistax (15) -il sena, kif ukoll ġie kommess ripetutament u kif ukoll li ġie kommess minn membru tal-familja tal-vittma.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, jakkuża lill-imsemmi akkużat ***Omissis*,** ħati talli bejn Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) u Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017), b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'rizoluzzjoni waħda, ġewwa l-Gzejjer Maltin, **ipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taħt l-eta' (*Omissis*)**, b'dana illi dan ir-reat huwa wieħed aggravat *stante* li ġie kommess fuq il-persuna ta' persuna oħra li jiġu minn xulxin mid-demm jew bi zwieġ sat-tielet grad irrespettivament, kif ukoll ġie kommess fuq persuna vulnerabbli, u ċioe fuq persuna ta' taħt il-ħmistax (15) -il sena, kif ukoll ġie kommess ripetutament u kif ukoll ġie kommess minn membru tal-familja tal-vittma.

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat ***Omissis*** u illi huwa jiġi kkundannat għall-**piena ta' priġunerija minn disa' (9) xhur sa' erbgħin (40) sena, bir-rekluzjoni jew mingħajrha**, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 18, 31, 204Ċ, 208AĊ(1)(b), 208AĊ(1)(d), 208AĊ(1)(e), 208AĊ(2), 202(h)(vii), 202(j), 383, 384, 385, 412Ċ, 532A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Illi l-Avukat Generali fit-Tielet Kap ippremetta:

Illi, fil-kuntest taċ-ċirkostanzi, zmien, lok u fatti imsemmija fil-Kapi preċedenti ta' dan l-Att ta'Akkuża, u ċioe' bejn Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) u Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017), l-akkuzat ***Omissis,*** b'egħmil zieni, ikkorrompa persuna ta' taħt l-eta' tas-sess femminili, u ċioe lill-kuġina tiegħu *Omissis*;

Illi, kif ġia espost fil-Kapi preċedenti ta' dan l-Att t'Akkuza, *Omissis* stqarret li kienet abbuzata sesswalment b'mod ripetut mill-akkuzat ***Omissis*** minn mindu hija kellha sebgħa (7) snin sa ma għalqet l-erbatax (14) il-sena. Hija stqarret li l-kuġin tagħha ***Omissis*** kien iġiegħlha tipparteċipa f'attivitajiet sesswali miegħu u dana ġewwa ir-residenza tan-nanna tagħhom ġewwa l-Marsa. *In oltre*, hija kompliet tistqarr li dan l-abbuz kien seħħ ċirka darba kull ġimgħa bejn Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) u Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017). *Omissis* stqarret ukoll li l-akkuzat ***Omissis*** kien bosta drabi jmissilha l-parti privata tagħha, anke minn fuq il-laħam, kif ukoll kien iġiegħlha tmiss il-parti privata tiegħu u saħansitra kien jaqbdilha jdejha u jtellaħilha l-fuq u jnizzililha l-isfel fuq il-parti privata esposta tiegħu;

Illi, *Omissis* stqarret li affarijiet ta' dan il-ġeneru sesswali hija qatt ma kienet esperjenzathom qabel u għaldaqstant ma kinitx taf jekk l-aġir tal-kuġin tagħha

***Omissis*** fil-konfront tagħha kienx wieħed tajjeb jew ħazin, pero' zgur li ma kinitx tieħu pjaċir bih. *Nonostante ċio*, ***Omissis*** ppersista b'dan l-aġir tiegħu fil-konfront tagħha;

Illi, *Omissis* umbagħad għaddiet sabiex tirrakonta episodju partikolari ieħor fejn tgħid li meta hi kien għad kellha għaxar (10) snin, l-akkuzat ***Omissis*** kien stupraha, kif hemm stipulat fl-Ewwel Kap ta' dan l-Att t'Akkuza;

Illi, dan ir-reat huwa wieħed aggravat ai termini tal-liġi *stante* li sar bi ħsara ta' persuna li ma għalqitx it-tnax (12) il-sena;

Illi, għalhekk, b'għemilu, l-akkużat ***Omissis*** sar ħati talli bejn Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) u Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017), b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'rizoluzzjoni waħda, ġewwa l-Gzejjer Maltin, **b'egħmil zieni, ikkorrompa persuna ta' taħt l-eta', tas-sess femminili (*Omissis*) b'dana illi dan ir-reat huwa wieħed aggravat *stante* li sar bi ħsara ta' persuna li m'għalqitx l-eta' ta' tnax (12) il-sena.**

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, jakkuża lill- imsemmi akkużat ***Omissis*** ħati talli bejn Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) u Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017), b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'rizoluzzjoni waħda, ġewwa l-Gzejjer Maltin, **b'egħmil zieni, ikkorrompa persuna ta' taħt l-eta', tas-sess femminili (*Omissis*) b'dana illi dan ir-reat huwa wieħed aggravat *stante* li sar bi ħsara ta' persuna li m'għalqitx l-eta' ta' tnax (12) il-sena.**

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużati ***Omissis***, illi jiġi kkundanat **għal piena ta' priġunerija minn tlett (3) snin sa tnax (12) il-sena, bir-rekluzjoni jew mingħajrha**, u dana skond li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 18, 31, 203, 383, 384, 385, 412Ċ, 532A u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkuzat.

Rat l-atti tal-kawza;

Rat il-fedina penali aggornata tal-akkuzat.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni:

Illi l-**Ispettur Paula Ciantar** xehdet quddiem il-Qorti tal-Magistrati nhar is-27 ta' Novembru, 2017 u regghet xehdet viva voce quddiem din il-Qorti nhar is-7 ta' Jannar, 2019 u spjegat li kienet duty Vice Squad u giet infurmata mis-social worker Nicolette Debono mis-sezzjoni tas-CPS illi kienu ghadhom kemm ircevew *referral* mill-iskola *Omissis* fejn kien hemm miktub li l-istudenta *Omissis* ta' erbatax-il sena kienet ghamlet *disclosure* ta' incidenti ta' abbuz seswali li allegtament sehhew mill-kugin taghha *Omissis*. Hija baghtet ghaliha quddiem ommha u din infaqghet tibki quddiemha u qaltilha li l-affarijiet kienu ilhom ghaddejjin min mindu kellha seba' snin.

Spjegat li l-ewwel incident kien sehh meta l-akkuzat kien missilha saqajha u beda iressaq idejh lejn il-parti taghha izda dakinhar l-affarijiet waqfu hemmhekk izda in segwitu bdew jizdiedu.

Illi *Omissis* ipprferiet titkellem fl-assenza ta' ommha u ghalhekk irrakontat dak li ghaddiet minnu quddiem is-social workers Nicolette Debono u Christine Grech.

Ikkonfermat li kienet giet abbuzata mill-kugin taghha l-akkuzat. Qalet li kien hemm diversi drabi meta l-akkuzat qabad idha u poggiha fil-qalziet tieghu biex tmiss il-parti tieghu. Irrakontat incident partikolari ta' meta kellha ghaxar (10) snin u tellaghha fuq il-bejt fejn hemm kamra u fiha *washing machine*. Tghid li kien poggiha sidirha mal-washing machine filwaqt li saqajha kienu fl-arja u pprova jippentraha minn wara pero' fil-vagina taghha. Tghid li rnexxielu jippenetraha ftit u bdiet twegga u fil-fatt beda' jghidilha biex ma tghajjatx imbaghad wara ftit waqaf. Qalet li penetrazzjoni grat darba biss. Qalet pero' li kien hemm okkazzjonijiet fejn kien igighelha timmasturbah.

Il-Qorti zammet access nhar it-Tnejn 7 ta' Janar 2019 fir-rsidenza ta' fejn tirrisjedi in-nanna *Omissis* u fejn kien jirrisjedi l-akkuzat fiz-zmien meta sehhew l-allegati reati. L-Imhallef dahlet fil-fond appartament li jinsab fit-tielet sular lejn il-lemin tal-indana. Appena tidhol fil-falt fuq ix-xellug setghet tinnota li kien hemm sottospecchio tal-injam bil-wicc tal-irham u faccata tieghu kien hemm kamra tas-sodda matrimonjali bl-injam ta' kulur abjad. Fil-kantuniera ta' din il-kamra kien hemm ukoll play station. Ma genba fuq l-istess kuritur kien hemm karma tas-sodda ohra kulur kannella b'sodda wkoll matrimonjali. Imbaghad hemm salott u minn dan is-salott tidhol go karma tas-sodda ohra b'zewg soddod single. Din il-kamra pero' ma' ghandhiex access ghal kuritur jekk mhux mis-salott. Fit-tarf tal-flat hemm kcina zghira u mal-hajt hemm mera li minn certu angoli tidher il-karma tas-sodda bajda. Proprju adjacenti ghal-kcina hemm kamra tal-banju. Il-fatt hwua kwadrat pjuttost zghir pero' mhux 'crammed' u lanqas 'clastrophobic' kif issuggeriet id-difiza. It-tlett kmamar tas-sodda huma pjuttost imdaqqsin. Veru li l-kuritur huwa wiehde relattivament dejjaq u zghir.

Wara l-Imhallef telgha sular iehor ghall-bejt fejn giet murija kamrin diviza f'zewg parti. F'din il-kamra kien hemm numru ta' ghasafar. Fil-kantuiera kien hemm

ukoll washing machine mghottija b'xi materjal. Il-bieb li jinfed ghal-din il-kamra jissakkar b'katnazz u c-cavetta kient f'idejn *Omissis*.

**WPS 94 Claire Casha** ikkonfermat li nhar is-17 ta' Novembru 2017 kienet prezenti waqt id-dikjarazzjoni ta' *Omissis*. Ikkonfermat li *Omissis* allegat li ghal dawn l-ahhar sebgha (7) snin kienet giet abbzuata mill-kugin taghha l-akkuzat, liema abbuz kien isehh fid-dar tan-nanna l- Marsa. Ikkonfermat li din id-dikjarazzjoni saret quddiem is-social workers Nicolette Debono u Christine Grech. Hija kkonfermat dak kollu li qalet lill- ispettur Paula Ciantar. Zidet tghid li dan l-abbuz kien isehh fil-weekends izda mhux kull weekend. Qalet li kienet ukoll prezenti waqt li l-akkuzat irrilaxja stqarrija u dan kien cahad kul allegazzjoni li saret fil-konfront tieghu.

**PC 101 Ruznai Gaffarena** li kkonfemra li kien flimkien ma WPS 94 Claire Casha meta l-akkuzat ggie arrestat minn gewwa daru l-Marsa. Spjega li meta marru biex jarrestaw lill-akkuzat huma tawh kopja tal-mandat ta' arrest li kien inhareg fil-konfront tieghu pero' meta kellmuh hdejn il-bieb tal-flatt ma qalulux li kien arrestat a bazi ta' rapport maghmul minn *Omissis* peress li din hija l-kugina tieghu u kien id-dar imdawwar ma' membri ohra tal-familja. Ikkonferma pero' li waqt li kienu fil-karozza sejrin lejn id-depot kienu qalulu li r-raport kien wiehed ta' stupru, abbuz sesswali u partecipazzjoni ta' atti sesswali fuq il-persuna ta' *Omissis*.

***Omissis***, missier *Omissis*, ikkonferma li kien gie mitkellem mill-pulizija dwar il-fatt li kienet giet abbuzata bintu *Omissis* mill-kugin taghha. L-akkuzat, mistoqsi jekk bintu qatt kellmithu fuq dan l-abbuz jghid li le u li sar jaf b'dan kollu meta l-pulizija bagthet ghalih flimkien ma martu. Qal li dawn l-ahhar tlett jew ebra' xhur it-tifla kienet tghid li ma tridx tmur ghand in-nanna u kienet iggib bhala skuza l-fatt li ghandha il-homework. Mistoqsi jekk hux *close* ma bintu jghid li

mhux wisq. Mistoqsi jekk kienx jaf li bintu ghandha boyfriend jghid li sar jaf wara mhux mill-ewwel. Qal li l-ewwel fethet qalbha ma zijitha u wara mieghu u mal-mara izda mhux dwar l-incidenti li graw ma *Omissis* izda fuq il-boyfriend li kellha *Omissis* u in segwitu fuq il-boyfriend il-gdid *Omissis*.

**Nicolette Debono** kkonfermat li tahdem fic-Child Protection Services ta' l-Appogg u li kienet irceviet rapport fis-17 ta' Novembru, 2017 minghand *Omissis* fejn spjegatilhom il-versjoni li t-tifla tat lill-guidance teacher is-Sur *Omissis* u cioe' li kienet ilha tesperjenza abbuz sesswali mill-kugin taghha l-akkuzat u ghalhekk huma rreferew il-kaz lil Vice squad tal-pulizija bla dewmien. Hija flimkien ma Christine Grech kollega taghha gew mitluba jmorru l-Vice Squad u fil-presenza taghhom *Omissis* tat il-verzjoni taghha gewwa l-video conferencing room fid-depot tal-pulizija. Tghid li kient irrepetiet dak li kien hemm miktub fir-rapport li kien sar lilhom mill-guidance tachers taghha. Hija esebiet ir-referrals li pprezentat lill-pulizija li gew markati bhala dok ND1 u ND2.

**Christine Grech** xehdet u kkonfermat dak kollu li qalet Nicolette Debono a bazi ta' dak li kien gie rapportat lilhom minn *Omissis* u mistoqsija jekk kellhiex xi involvement iehor fil-kaz wiegbet fin-negattiv. Ikkonfermat li ma tkellmitx direttament mat-tifla izda iltaqghet maghha d-depot.

***Omissis***, guidance teacher fl-iskola *Omissis* qal li nhar is-17 ta' Novembru 2017 fit-tmien lezzjoni li tigi l-ahhar lezzjoni tal-iskola l-Gimgha, *Omissis* bdiet tkellmu u qaltlu li l-kugin taghha kien sfurzaha fis-sodda fir-residenza tan-nanna. Jghid li qaltlu li ma ridietx pero' huwa kien iktar b'sahhtu u dan qallha biex tiftah halqha u fehem ghalhekk li biex tghamel sess orali. Aktar tard fil-fatt qaltlu l-kelma 'blow job' u semmiet ukoll il-kelma 'hand job'. Qaltlu dwar l-incident tal-washing machine u qaltlu li kien 'ippenetrha' u jghid li l-kugin qallha biex ma tghajjatx minhabba xi hsejjes li kienet qed taghmel. Qaltlu li dan kollu kien ilu

ghaddej minn meta kellha sebgha snin u l-iktar ricenti kien sehh xi xahar qabel ma tkellmet mieghu. Jghid li *Omissis* kienet inkwetata li l-istess haga tista' tigri lill-ohtha li kienet izghar minnha. Qal li huwa tkellem ma *Omissis*, li tigi l-Principal guidance teacher u tigi fuqu u kellimha dwar din il-materja u ddecidew li jirraportaw il-kaz lill Appogg fi ftit sieghat ghaliex haseb li setgha kien hemm minuri ohra li kienu f'riskju.

Qal li kien ltaqa' ma *Omissis* fuq talba taghha stess u kien f'din l-okkazzjoni biss li kellimha fuq is-suggett u dan jitkellem maghha xi 35 jew 40 minuta.

Spjega li fil-fatt kien ghamel risk assessment tas-sitwazzjoni u meta ikkonsidra li kien il-weekend, li kien hemm minuri ohra id-dar tad-nanna, li *Omissis* kienet imdejqa hafna u haseb li jkun fl-interess ta' kulhadd li jirraporta l-kaz u kien ghalhekk li pprezentaw ir-rapport taghhom dok ND1 u ND 2 lill-Agenzija Appogg u dan bit-tama li l-allegazzjonijiet ta' *Omissis* jigu invesitagti katar fit-tul.

Qal li meta marret tkellmu *Omissis* huwa ma tantx staqsa domandi izda aktar qaghad jisma' lil minuri u li xoghol kien li jipprotegi lilha u mhux li jinvestiga l-kaz. Ried jghatiha support tant li t-Tnejn ta' wara kien baghat ghaliha beix jara kif baqghet u itiha is-support li kellha bzonn.

***Omissis***, Principal Counsellor fil-*Omissis* kkonfermat li ghamlet referral lill-Appogg a bazi ta' dak li qallha *Omissis* li eventwalment spiccat ghand il-pulizija li kienet tirrigwarda sexual abuse fuq l-minorenni *Omissis*. Ikkonfermat pero' li ma kienitx prezenti meta il-minuri ghamlet id-disclosure taghha lis-Sur *Omissis*. Stqarret li hija ma tkellmitx mat-tifla. Qalet li xoghlha pero' m'hux li tinvestiga kazijiet ta' abbuz izda li meta ikun hemm allegazzjonijeit bhal dan tghaddi r-rapport lill-Appogg sbiex jigu invesitgati fil-fond.

***Omissis,*** omm *Omissis*, ikkonfermat li kienet marret ma zewgha ghand il-pulizija biex jitkellmu maghhom dwar l-abbuz ta' binthom wara li kienu ircevew telefonata minghand l-Ispettur Paula Ciantar. Qalet li saret taf dwar dan l-abbuz fis-17 ta' Novembru, 2017 meta baghtu ghaliha l-pulizija u skond ma qalet binta lilhom l-abbuz sar minn neputi taghha *Omissis*. Mistoqsija jekk bintha qatt fethet qalbha maghha f'dan ir-rigwad tghid li le. Mistoqsija jekk hix close ma bintha tghid li hija ommha u fuq affarijeti sesswali qatt ma tkellmet ma bintha. Mistoqsija jekk qaltiliex fuq il-boyfriend tghid li qaltilha fuq il-habib. Mistoqsija jekk qattx tkellmet ma bintha dwar edukazzjoni fuq sesswalita' tghid li gieli kellmitha u qaltilha biex toqghod attenta u dan meta kellha erbatax-il sena biex ma tinqabadx tqila u t-tifla kienet tghidilha li taf ghaliex kient titghallem fuq is-suggett l-iskola. Kienet tghidilha li l-iskola titghallem dawn l-affarijiet. Tghid li bintha kienet thossha misthija minnha meta tipprova titkellem fuq dawn l-affarijiet. Hi qatt ma qalet lil bintha li hadd m'ghandu imissha 'l hawn jew 'l hemm.

Ikkonfermat li ghand ommha maghha jghixu hutha zewgt subien u l-akkuzat. Qalet li ommha ghandha 75 sena u tkun kwazi dejjem id-dar. Qalet li hija ghandha tifla ohra u meta kienet tkun ghand ommha, cioe' in-nanna ta' *Omissis* kienet tmur torqod f'kamra ohra dik ta' gewwa li taghti ghas-salott. Kienet tmur hemm ma bintha l-ohra *Omissis* wara nofs in-nhar, peress li kient fuq ruhha. Qalet li l-akkuzat l-iktar li kien ikun id-dar kien is-sibt wara nofsinhar izda mhux dejjem u wara nofs inharijiet ghaliex l-iktar li kien jahdem kien filghodu. Ikkonfermat li l-akkuzat kien jorqod fl-ewwel kamra, dik li hemm hdejn il-bieb ta' barra. Tghid li gieli rat lil bintha ma l-akkuzat bil-mobile f'idejhom pero' qatt ma hasbet hazin fihom. Qalet li imsakkrin f'kamra qatt ma rathom pero' hija kienet tkun f'kamra ohra 'l gewwa. Spjegat li pero' gieli kien ikun hemm granet meta t-tifla ma tkunx trid tmur ghand in-nanna u tghidilha li ghandha l-homework x'taghmel.

***Omissis*** xehdet quddiem l-ewwel Qorti nhar il-5 ta' Dicembru, 2017 u dan bil-procedura tal-video conferencing. *Omissis* regghet xehdet quddiem din il-Qorti wkoll bil-video conferencing nhar is-7 ta' Jannar 2019. Stqarret, li ghandha erbatax-il sena u taf x'inhu l-importanza tal-gurament. Ikkonfermat li tattendi l-iskola *Omissis*. Tghid li kienet tkelment mas-Sur *Omissis* li hu l-guidance teacher ta' l-iskola. Stqarret li kuginuha l-akkuzat li kellu tnejn u ghoxrin sena kien missha f'postijiet li mhux suppost waqt li kienet tkun ghand in-nanna il-Marsa. Tghid li dawn l-affarijeit bdew meta kellha sebgha snin. L-ewwel darba quddiem il-Qorti tla-Magistrati tghid li kienet fuq is-sufan/soda fil-kamra appena tidhol fid-dar, filwaqt li quddiem din il-Qorti tghid li kient fuq is-sodda u beda imissha hdejn il-parti taghha u hi nehhietlu idejh. Imbaghad rega' missha u hallietu ghaliex ex-admissis tghid '*ma kientix taf jekk kienx hazin jew le*'. Imbaghad fi drabi ohra gieghlha tmiss il-parti privata tieghu waqt li hu imiss taghha. Kien igieghlha tiftah halqha biex tmiss il-parti privata tieghu b'halqha izda dejjem qalet le ghaliex kienet titqazzez. Kien sahansitra anke jimbotta rasha lejn il-parti tieghu pero' kient izomm lura. Spjegat li f'din il-kamra tas-sodda li jghidulha l-kamra l-bajda kien hemm zewg sododd single izda kienu jpogguhom ma genb xulxin biex jigu sodda wahda matrimonjali.

Mistoqsija jekk kienx ikellimha waqt li igieghlha tmiss il-parti tieghu tghid li l-ewwel kien itaptpilha fuq saqajha izda meta xehdet quddiem din il-Qorti tghid li kien itaptpilha ukoll fuq idha imbaghad kien idahhal idejh. Kien idahhal idejh mill-qalziet u l-panty min nofs u imbaghad gieli kien idahhal idejh minn taht ukoll minn taht il-panty u minn fuq il-gilda kien idawwar subajgh. Meta kien igieghlha tmiss il-parti tieghu tghid li kien jaqbdilha idejha u itellahielha 'l fuq u 'l isfel. Tghid li dak il-hin l-akkuzat kien ikun liebes boxer u qalziet. Mistoqsija jekk dan kien isir fuq il-hwejjeg tghid li kien isir fuq il-gilda. Mistoqsija jekk kienx jeggakola ukoll tghid li iva u fil-fatt wara kien iqum mis-sodda u jmur jgib

tissue beix jimsah l-isperma tieghu. Mistoqsija jekk kienitx certa minn dan qalet li hija certa mija fil-mija.

Spjegat ukoll li kien hemm incident li sehh xi xahrejn qabel ma xehdet quddiem l-ewwel Qorti u ghalhekk circa Settembru 2017, meta hija kienet qed traqqad lill-kugini taghha twins ta' tmien snin u tefghet idejha fuqhom. Spejgat li kienet poggiet idha il-leminija taht ras it-twins u mbaghad ghanqet iz-zewg twins minn fuq b'idha x-xellugija. L-akkuzat mar fis-sodda fejn kienet qed tuza l-mobile u ma tatx kaz, qabdet u nizlet rasha. Imbaghad beda' jaqbdilha ideja, hija bdiet tnehhi idejh pero' peress li kien iktar b'sahhtu minnha xorta sfurzha. Meta nehha jdejh riedet tohrog idejha izda rega' qabbad idejha u rega' taptptilha fuq saqajha u dahhal idejha fil-parti privata tieghu. Tghid li f'din l-okkazjoni pero' ma kienx egakola u dan ghaliex ftit wara kien irceiva telefoanta u hareg minn taht il-lizar u telaq 'l hemm.

Tghid li meta kienet zghira ma kienitix taf jekk kienux tajbin jew hziena u kienet tiehu gost bhal haddiehor. Kieku kienet taf li kienu hziena zgur li ma kienitx tieghu gost u kienet tieqaf minnufih. Izda recentement ma kienitx tiehu gost. Saret taf li dawn l-affarijeit ma kienux tajbin mill-iskola. Qalet li l-iskola fehmuha sex education meta kienet f'year 6. Tghid li apparti dawn l-esperjenzi mal-kugin ma kellha l-ebda esperjenzi sesswali simili ma haddiehor.

Dwar l-incident tal-bejt tghid li darba minnhom kien tellaghha fuq il-bejt tad-dar tan-nanna u tefaghha fuq il-washing machine, sidirha fuq il-*washing machine* u nehhielha l-qalziet, ix-shorts u l-qalziet ta' taht u dahhal il-parti privata tieghu fil-parti privata taghha. Dan ghamlu minn wara izda fil-parti ta' quddiem taghha li spjegat bhala l-vagina. Hija dak il-hin wegghet u qalet 'ahh' u dan qalilha biex ma tghajjatx u hareg il-parti tieghu u qallha biex tilbes biex imorru isfel. Tghid li dak iz-zmien kellha xi ghaxar snin. Mistoqsija jekk kienitx sfurzata biex titla' fuq

il-bejt tghid li ma kienitx pero' tghid li l-kugin kien talabha biex tmur mieghu ghaliex kellu bzonn xi haga u hija marret meighu. Spjegat li din il-kamra fuq il-bejt tkun imsakkra u ghalhekk l-akkuzat gab il-mazz cwievet minn fuq is-sottospecchio li hemm wara l-bieb ta' barra u fetah il-kamrin b'wahda minn dawn ic-cwievet. Spejgat li f'din il-kamra li hija diviza f'zewg partijiet hemm il-washing machine u guva bl-ghasafar.

Tghid li dawn l-affarijiet kienu jigru aktar fis-sajf, darba jew darbtejn fil-gimgha bl-ezatt ma tafx. Tghid li ghand in-nanna kienet tmur ta' spiss u torqod hemm ukoll mal-mummy meta id-daddy ikun xoghol. Pero' spjegat li ma kienitx torqod mal-mummy li kient torqod ma ohtha z-zghira izda f'kamra ohra, gieli anke fl-istess sodda mal-kugin, l-akkuzat. Tghid li anke kuginuha kien jorqod u jghix ghand in-nanna dak iz-zmien. Tghid li mhux kull darba li kienet tkun hemm kienu jigru dawn l-affarijiet. Tikkonferma li tkellmet mas-sur *Omissis*, Guidance teacher dwar dak li ghaddiet minnu. Tkellmet ukoll mal-hbieb taghha certu *Omissis* u *Omissis* izda tkellmet ma *Omissis* lejn fl-ahhar ta' l-iskola.

Qalet li ricentement kien jaqbad maghha ghax ghandha gharus u jghidilha li kien ser jaqbad itih. Kien jghidilha wkoll xi kummenti bhala 'qed jikbirlek sidrek' kien jinkiha bil-boyfriend li kellha ghax jismu '*Omissis*' u kien jghidilha li hu twil u kif tlahhaq mieghu. Mistoqsija jekk il-boyfriend kienx imur ghand in-nanna tghid li qatt ma mar. Kien imur ghand ommha u missierha. Spjegat li din ir-relazzjoni damet kwazi sena fil-fatt neqsin jumejn u kien hu li telaqha ghax ried il-liberta'.

In kontro ezami tghid li l-akkuzat fil-fatt jghix ghand in-nanna pero' ricentement mar jghix ma l-gharusa tieghu. Ghand in-nanna jghixu wkoll iz-ziju taghha *Omissis* u ziju iehor *Omissis* li fil-fatt miet. Id-difiza issugeriet li dawn iz-zijiet ikunu dejjem id-dar izda hija wiegbet li z-ziju *Omissis* kien imur f'nofsinhar u fis-saghtejn johrog u joqghod idur flimkien maz-ziju l-iehor. Tghid li n-nanna kienet

tghaddi hafna hin id-dar fis-sodda u ssajjar. Tghid li meta kienu jisehhu dawn l-affarjiet zijitha kienet tkun hemm mat-twins. Dawn l-affarijiet kienu isiru f'xi hin wara nofsinhar. Ikkonfermat li l-akkuzat ma kienx isakkar il-bieb izda kien jghalqu. Qalet li l-post tan-nanna hu pjan wiehed u hemm tlett ikmamar tas-sodda. Ikkonfermat ukoll li l-akkuzat kien jaqbad maghha fuq il-boyfriend fil-presenza tan-nanna u taz-zija. Il-boyfriend taghha kellu hmistax-il sena, kien l-ewwel wiehed taghha u kienet ilha mieghu hames xhur. Misoqsija ghaliex ma qalet xejn lil hadd ghal zmien twil tghid li kien minhabba il-fatt li kien jghidilha biex ma titkellimx. Qalet ukoll quddiem din il-Qorti li ma xtaqitx tikkawza problemi familjari u kienet taf li jekk titkellem kien ser jinqala l-inkwiet kif fil-fatt gara. Qalet li darba minnhom kient qed titkellem ma dan il-boyfriend *Omissis* u dan kien qallha beix tmur titkellem mal-guidance teacher jekk kellha problemi familjari u qisu ghamlet il-kuragg u marret titlob apputnament mal-guidance teacher li nzerta kien *Omissis*. Illum il-gurnata tghid li mnalla li marret tiftah qalbha mieghu.

Mistoqsija ghaliex xorta kienet tmur torqod ghand in-nanna meta kien jghamlilha hekk il-kugin wiegbet li ma kellhiex ghazla ghaliex ommha kienet tmur torqod hemm ukoll. Mistoqsija jekk hux minnu li l-kamra tal-bejt tkun imsakkra tghid li huwa minnu pero' c-cavetta gieli tkun hdejn speci ta' mera u tahtha hemm mejda tal-irham bis-souveniers u ihalluhom hemm. Mistoqsija jekk kienx l-akkuzat li fetah din il-kamra tal-bejt meta stuprha tghid li hekk tahseb. Mistoqsija jekk kien ikun hemm il-familjari id-dar meta kien isir l-abbuz tghid li generalment iva kienu ikunu hemm. Mistoqsija jekk tibzax mill-akkuzat tghid li ma tibzax minnu.

In kontro ezami *Omissis* tghid li minhabba dak li ghaddiet minnu hija ghandha *low self esteem*. Tghid li tkun imdejqa hafna tant li tghamel l-iljieli tibki u ma turi lil hadd. Tghid li kienet tikteb kummenti generali fuq il-facebook li kienet

tifhimom hi biss biex ma turix lil dak li jkuk minn xiex kienet ghaddejja. Tghid li vera kienet tmur tizfen izda dan kienet taghmlu biex iderri u tinsa u tghid li fil-hin taz-zfin kienet tinsa ftit il-problemi tahha. Tghid li huwa minnu wkoll li ghamlet xi tlett snin tizzfen fil-Karnival u kient tmur proprju biex tinsa l-problemi taghha ghal-ftit mumenti. Qalet li kien ikollha 'fake smile', spjegat li hadd ma kien jaf kemm kienet tkun imdejjqa u li kienet turi wicc b'iehor. Mistoqsija jekk ghandhiex ritratt profile picture bija qed tixrob mill-istraw u b'halqa mghawweg tghid li kient qed taghmel poza sempliciment ghar ritratt. Tghid li hija konxja hafna u gieli shabha jiehdu xi 40 ritratt taghha qabel ma taghzel ir-ritratt it-tajjeb u dan ghaliex hija incerta hafna. Mistoqsija kif inhi r-relazzjoni taghha illum mal-familja maternal li tghid li ma tezistix u li ma jkellmuhwiex. Spjegat li kienet iltaqghet ma *Omissis* xi kugina u staqsietha ghaliex kienet ghamlet hekk il-*Omissis* u li ma kienitx qed temminha u minn dak in-nhar 'l quddiem ma kellmithiex aktar. Qalet li timmisjha hafna lin-nanna u lill-familja materna pero' ma timmisjax dak li kien jghamillha *Omissis*. Jiddispjaciha li l-familja maternal haduha kotnra taghha. Cio nonostante tghid li thossha ahjar issa li tkelmet u meta tisma' il xi had jitkellem fuq abbuz jaqbadha weggha kbira u tiftakar minn dak li ghaddiet hi. Spejgat li kient torqod fl-stess sodda mal-kugin meta ma kienx ikun hemm fejn torqod. Tghid li kienet tkun fis-sodda u l-kugin kien imur hdejha. Mistoqsija ghaliex ma tkellmitx qabel dwar l-abbuz tghid li ghall-ewwel ma tkellmitx ghax kienet zghira u ma kienitx taf li kienu affarjiet hziena izda wara li saret taf li kienu affarjiet li ma kellhomx isiru hassitha bi kbira li tiftah qalbha xota peress li l-aggressur kien kuginuha u li kienu jkunu dejjem fil-kumpanija ta' xulxin. Tghid li l-familja materna taghha kienet maqughda hafna.

Spejgat il ghamlet dak li ghamlet wara hafna kuragg u dan ghaliex kienet tobsor dak li kien ser jigri u cioe' li kienet ser taqta' l-legami tal-familja. Fil-att tghid li l-familja taghha illum hija imfarrka.

Tghid li ricentement ghandha boyfriend iehor *Omissis* izda mieghu qatt ma ghamlet atti sesswali. Tghid ir-relazzjoni taghha tikkonsisti filli izommu idejn xulxin, ibusu lil xulxin, u jghanqu lil xulxin. Izda zgur li qatt ma ghamlet dak li ghamlet ma *Omissis* ma haddiehor. Dwar l-gharus *Omissis* tghid li kienet qalet lil ommha u lil missierha tant li jidhol ghandhom id-dar u tmur ghandu ukoll.

Mistoqsija jekk kienitx taf li l-akkuzat hu gharus tghid li taf pero' hija qatt ma kixfet dak li kien ighamel l-akkuzat maghha lill-gharusa tieghu. Zammet kollox ghaliha ghal zmien twil sakemm fl-ahhar kellha il-kuragg li titkellem.

***Omissis* xehdet biss quddiem il-Qorti tal-Magistrati u** stqarret li hija habiba ta' *Omissis* u qalet li kienet ghamlet zmien miggielda maghha pero' llum huma hbieb min meta saret taf bil-kaz. Ikkonfermat li kienu baghtu ghaliha id-depot u staqsewha xi domandi. Qalet li meta kellha xi disgha jew ghaxar snin *Omissis* kienet qaltilha li kienet giet abbuzata minn xi kugin taghha. Tghid li *Omissis* ma uzatx il-kelma abbuzha pero' qalet li uzat il-kelma *'baghbasha'*. Qalet li dak i-zmien *Omissis* kellha xi hdax jew tnax-il sena meta qaltilha li giet abbuzata. Qaltilha biex ma tghid lil hadd u hija zammet dan is-sigriet.

***Omissis*** tghid li tmur l-iskola ma *Omissis* u li din qaltilha li xi hadd mill-familja taghha kien abbuzaha b'mod seswali. Qaltilha li kien imissilha xi partijiet privati taghha u li l-kaz kien qieghed il-Qorti. Tghid li hi ma staqsietha xejn lanqas min kienet il-persuna involuta.

Illi l-akkuzat ***Omissis*** kien gie arrestat nhar it-18 ta' Novembru 2017 u inghata d-dritt tieghu li jkun assistit mminn Avukat pero' ghazel li ma jkunx assistit ghall-ewwel stqarrija izda ghazel li jkun hekk assisti waqt ir-rilaxx tat-tieni stqarrija. Ikkonferma li *Omissis* hija l-kugina materna tieghu u li jghix ghand nantu.

Ikkonferma ukoll li *Omissis* gieli tmur ghand in-nanna u raqdet hemm ukoll. Cahad li huwa kellu xi attivita sesswali ma kugintu u jghid li hija ghadha zghira. Mistoqsi jekk qatt qabadx idejn *Omissis* u poggiha fuq il-parti pivata tieghu jew jekk hu miss il-parti private taghha jghid li mhux minnu. Mistoqsi jekk hux gharus jghid li hu u li ilu gharus tmien snin.

Mistoqsi dwar l-incident tat- twins kif rapportat aktar 'l fuq. Jghid li t-twins kienu fis-sodda izda mhux reqdin u hu kien qed jilghab il-play station, Fifa 18, imbaghad ircieva telefonata u telaq 'l barra. Mistoqsi fejn kienu iz-zijiet dak il-hin jghid li kienu d-dar. Waqt li hu jien qed jilghab il-loghba huma kienu qed jahslu l-art. Qal li t-twins kienu fuq is-sodda bit-tablet f' idejhom u Marah kienet qed tipprova traqqadhom u hu kien fuq in-naha l-ohra jistenna l-loghba tibda. Kien mimdud daru lejn it-tustiera jistenna bicca loghba. Jghid li fl-ebda hin ma qabad idejn *Omissis* u poggiha gol-qalziet tieghu. Qal li kien liebes iz-zarbun u kellu lizar ma tattix bih izda kien fuq siequ. Jichad li qatt talabha biex timmasturbah. Qal li gili quddiem ommha kien qallha '*kibrulek id-dendini*' u ommha qaltlu biex ma jinkihiex. Mistoqsi jekk raqadx maghha jghid li le pero' ma jafx jekk kienx hemm drabi meta kien rieqed u hija marret torqod hdejh. Qal li kien ilu jghix man-nanna ghal zmien tmien snin.

Mistoqsi jekk hux minnu li darba minnhom kienu fil-kamra tal-bejt u pprova idahhal il-parti tieghu fil-parti privata taghha ghid li mhux minnu. Qal li fuq il-bejt lanqas *washing machine* ma hemm ghaliex huma itellghu l-magni li jkunu miksurin u itellawhon hemm. Qal li l-kamra dejjem tkun imsakkra ghaliex iz-ziju tieghu ghandi xi ghasafar li joqghod jaghalef. Qal li ma jahsibx li *Omissis* kienet qed tghid il-verita'.

Qal li hu qatt ma abbuzha minnha ghalkemm jista' jkun li ccajta maghha anke fuq l-gharus taghha li jismu *Omissis* u kien ighidilha '*ajma kemm jugani ghonqi*'.

Mistoqsi jekk kellux problemi maghha jghid li ma kellux ghalkemm meta kienet tghajjat ma ommha kien isikittha. Mistoqsi jekk ipprovax jippenetra go fiha waqt li kienu fil-wash room jghid li mhux minnu.

Qal li mhux veru dak li qalet *Omissis*. Cahad li qatt qabad idejn *Omissis* u uriha kif ghandha iccaqlaq idejha. Qal li *Omissis* ivvintat kollox.

Illi nhar it-8 ta' Jannar 2019 din il-Qorti semghet id-difiza tghid li l-akkuzat ma kien ser jixhed in vista taz-zewg stqarrijiet dettaljati li huwa rrilaxxja.

Fl-istess seduta semghet l-arringa tad-difiza.

Semghet ukoll ix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni fosthom is-segwenti:-

***Omissis*** mgharufa bhala *Omissis* xehdet u spejgat li hija tghix fl-istess blokk ta' appartamenti ta' *Omissis*, in-nanna ta' *Omissis* proprju fl-istess indana. Qalet li ghandha tnejn u tmenin sena. Mistoqsija jekk tafx lil *Omissis* tghid li tafha sew u li dejjem diehla u hierga ghandha. Biss biss tghid li *Omissis* thalli c-cavetta tal-bieb ta' barra fil-bieb u ghalhekk kull ma taghmel u li thabbat u tidhol. Tghid li gieli tkun hi stess li tnehhi c-cavetta mill-bieb ghall-habta tal-hdax ta' bil-lejl ghaliex tinkwieta. Tghid li tmur s'ghandha kemm fil-ghodu kif ukoll wara nofs in-nhar u kif ukoll filghaxija. Tmur anke tara it-television ma' *Omissis* biex ma toqghodx wahdeha. Spjegat li l-bieb tal-komun qieghed isfel u huma jghixu fit-tielet sular u dan meta ma jkunx miftuh ikun maghluq u biex tidhol gewwa trid iccempel il-qanpiena

Spjegat li d-dar ta' *Omissis* qisha kazin, kulhadd diehel u hiereg. Gieli jkun hemm bintha *Omissis*, in-neputija *Omissis* li tigi oht l-akkuzat, it-tewmin li jigu ulied

*Omissis* kif ukoll *Omissis* u uliedha *Omissis* u *Omissis* apparti *Omissis* u uliedha *Omissis* u meta kien haj *Omissis* u *Omissis* li jghix hemm ukoll. Tghid pero' li minn meta inqala l-kaz *Omissis* u uliedha m'ghadhomx ikunu hemm.

Mitoqsija dwar *Omissis* tghid li ma kienitx tmur ta' sikwiet. Spjegt li hija tifla ambizzjuza u dejjem trid tkun ahjar minn haddiehor. Tghid li hija tifla li ma tantx thobb titkellem. Hija tikkmanda hafna lill-ommha u trid taghmel pusses minn kulhadd. Tghid li lanqas lill ohtha *Omissis* ma tant iggib.

Mistoqsija jekk tafx lill-akkuzat *Omissis* tghid li tafu u ilha tafu xi disgha snin u fil-fatt tghid li fil-bidu kien jigi ghand *Omissis* in-nanna ma ommu. Qalet li nhar ta' Sibt johrog xoghol mid-9.00a.m sal-5.00p.m. Taf li ilu jghix man-nanna *Omissis* ghal- dawn l-ahhar disgha snin, pero' issa minn mindu inqala l-kaz mar joqghod ghand l-gharusa *Omissis*. Ilu hafna ma l-gharusa sa minn meta kient ghada l-iskola. Tghid in kontro-esami li *Omissis* huwa tifel sew u malli jidhol mix-xoghol imur fuq il-computer, jilghab xi loghba football.

*Omissis* ma tantx hi tfjala kunfidenti ilha sena ma jistghu jersqu l'hemm. Qabel hija flimkien ma ommha u missierha u ohtha kienu jigu jzuru n-nanna. Hija tifla kwieta izda ambizzjuza trid tkun dejjem ahjar minn ohtha, trid iggib lil kulhadd tahtha. Tiftakar li darba minnhom kient tablet lin-nannitha ghal-coca u n-nanna ma qdithiex mill-ewel u gzatha lil missierha.

Qalet li hija mara li titqarben kuljum u qed tghid dak li taf hi. Spjegat li meta *Omissis* ikun id-dar gieli kient tkun hemm ukoll izda mhux wahdehom. Taf li jkun mitluf bil-loghba. Hemm drabi meta *Omissis* ikun id-dar ta' *Omissis* u ma tkunx hemm mieghu. Qalet li mhux dejjem tkun ma genb *Omissis*. Taf li *Omissis* hu akkuzat li kkorrompa lil kugina *Omissis* pero' din ma temminhiex.

Qalet li l-bibien tal-kmamar ts-sodda dejjem ikunu miftuha. Qalet li gieli ratu ma *Omissis* ghaliex jingwala hafna mieghu u gieli ratu jilghab mat-twins. Ma *Omissis* qatt ma ratu. Rat it-tewmin jilghabu bil-play station mieghu ukoll. Taf li darba minnhom kien hemm it-tewmin fis-sodda u *Omissis* kient qed tipprova traqqadhom u *Omissis* u *Omissis* kienu fl-istess kamra u cioe' fil-kamra l-bajda. Fid-dar dakinhar kien hemm ukoll *Omissis*, *Omissis* omm *Omissis* u *Omissis* u kenu kollha fil-kcina.

Qalet li fil-kamra tas-sodda l-kanella jorqdu *Omissis* u binha *Omissis*. Waqt li fil-kamra tas-sodda bajda jorqod *Omissis* u gieli *Omissis* u fil-kamra tas-sodda hdejn is-salott kien jorqod binha *Omissis*. Naf li gieli jifirxu xi saqqijiet ma l-art ukoll meta jkun hemm aktar familjari fil-post. Lil *Omissis* ma tantx kient tarha ta' spiss. Hija tfajla ckejkna u trid tikkmanda lil kulhadd.

***Omissis*** xehed u spejga li jigi hu *Omissis*, omm *Omissis* u z-ziju ta' *Omissis*. Jaf li *Omissis* hu bin huh *Omissis* u li jghix maghhom fid-dar ta' ommu il-Marsa. Qal li ilu jghix ma ommu ghal hafna snin u anke *Omissis* jghix maghhom u maghhom kien ikun hemm huh *Omissis* wkoll pero' dak miet ricentement.

*Omissis* dam jghix maghhom ghal-zmien twil pero' llum jghix mal-kunjata tieghu u ma l-gahrusa *Omissis*. Pero' kemm ilhom li bdew il-problemi minhabba *Omissis* ma ghadux jghix maghhom.

Jaf li fuq il-bejt ghandu kamra fejn izomm l-ghasafar, in-namra tieghu u ghandu ukoll kelb. Jispjega li l-ghasafar tieghu huma dawn ta' l-ghana. Qal li din il-kamra hija tieghu biss pero il-bejt huwa komuni bejn tlett familji, taghhom u ta' zewg familji li joqghodu tahtu fl-istess naha tal-blokka.

Spjega li din il-kamra ghandha bieb tal-hadid u tinghalaq permezz ta' katnazz u ic-cwievet ikunu ghandu fil-but. Din il-kamra dejjem kellha l-ghasafar fiha u dejjem kient kif inhi illum. Jghid li gieli telghet ommu u meta kien haj missieru wkoll u gieli *Omissis* ukoll fejn kien imur jitolbu xi sigarett. Mistoqsi jekk hutu kienux jitilghu wkoll u wiegeb li gieli iva u gili le. Lil *Omissis* qatt ma raha fuq il-bejt.

Fil-kamra tal-bejt ikun bejn is-6.00a.m u id-900a.m. Illum ma jahdimx regolari salv ghal xi gurnata u l-bqija ikun f'din il-kamra.

Fid-dar kienet tigi *Omissis*, omm it-tfal *Omissis* u *Omissis*, *Omissis* omm it-twins u *Omissis*, *Omissis* oht *Omissis*. Kienu jigu wkoll hbieb u l-gara *Omissis* li toqghod faccata taghhom. Fil-fatt ikkonferma li *Omissis* diehla u heirga ghandhom. Jghid li *Omissis* tidhol peress li mas-serratura tal-bieb hemm ic-cavetta u ghalhekk taqbad u tidhol. Jghid li pero' c-cavetta tal-bejt tkun ghandu u jrid jiftah hu l-bieb kif del resto ghamel waqt l-access.

*Omissis* tigi ghandhom id-dar darba is-sibt ma ommha u ma ohtha. *Omissis* hija duttura hafna ma tkellmekx jekk ma tkellimhiex. Hija msithija u izzomm ghaliha.

Id-dar *Omissis* u *Omissis* qatt ma rajthom flimkien. Il-bieb tal-karma tas-sodda dejjem miftuh ikun.

Mistoqsi fejn jonxru qal li jonxru fuq il-gallerija. Mistoqsi min inaddaf id-dar jghid li hija *Omissis* li tnaddaf waqt li hu rsponsabbli tal-bejt u jiehu hsiebu hu hu mhux it-tip li inaddaf wisq. Mistoqsi jekk il-washing machine li hemm fil-kamra fuq il-bejn hix dejjem mghotija jghid li iva minhabba l-iskalora.

Mistoqsi jekk joqghodx fil-kamra tal-bejt il-hin kollu jghid li gieli imur jixtri xi sigaretti izda wara jirritorna hemm. Qal li l-washing machine kient isfel fil-flat pero' beda jinqata d-dawl u ghalekk telgha fuq u nizzel dik li kien hemm fuq.

Jum is-Sibt id-dar ikun hemm kwazi kulhadd.

***Omissis*** tixhed u tghid li hija l-gharusa ta' *Omissis* u li kienet ilha f'relazzjoni mieghu ghal madwar tmien snin. Qalet li hija tghix id-dar ma ommha u ma *Omissis*. Fil-fatt *Omissis* ilu jghix maghhom minn mindu inqalghat din il-kawza u ghalhekk ghal madwar sena u xahrejn. *Omissis* ma setghax jibqa' jghix ghand in-nanna u mar jghix ghandhom. Kemm kien ilu ghaddej il-kaz, *Omissis* ma marx aktar ghand in-nanna ghalkemm hija tmur xi kultant.

Mistoqsija jekk kienitx tmur ghand in-nanna qabel ma nqala l-kaz twiegeb fil-posittiv. Mistoqsija jekk tafx il-kugini ta' *Omissis* tghid li tafhom kollha inkluz lil *Omissis*. Qalet li kieu johorgu ilkoll flimkien. Mistoqsi jekk kellhiex xi tghid ma *Omissis* jew jekk *Omissis* kellux xi jghid maghha twiegeb fin-negattiv. Tghid li kient taf li *Omissis* kient torqod ghand in-nanna pero' hi qatt ma raqdet hemm. Mistosija jekk kienx hemm xi relazzjoni specjali bejn *Omissis* u *Omissis* tghid li ma tafx biha jekk kien hemm, anzi tghid li zgur li ma kienx hemm. Tispjega li *Omissis* ghandha karattru li *Omissis* ma tantx jaqbel mieghu. Hija tfajla supperva u ghajjura. Hadd ma jista' ikellimha. Kollox kif tghid hi anke ma ohtha *Omissis* tiggieled.

Meta kienet tkun ghand in-nanna kien ikun hemm il-familja kollha dejjem. In-nanna u *Omissis* kienu jkunu hemm dejjem. Mistoqsija jekk qattx tellghat xi face book posts twiegeb fl-affermattiv u tghid ukoll li *Omissis* gieli u ta' sikwit kient twiegeb u tikkumenta dwarhom. Tispjega li darba minnhom tellghet ritratt taghha u ta' *Omissis* u kitbet tahtu '*keep it up cute couple*'. Darb' ohra *Omissis*

tellgha post iehor u qal Happy Xmas lil kulhadd u wiegebet billi tat ix-xewqat lil kulhadd. Darba minnhom tellghet post b'xi pop corn mahruq u qaltilhom biex jiekluh.

Tghid li saret taf li *Omissis* kien gie arrestat minghand *Omissis*, iz-ziju ta' *Omissis* u ghall-ewwel inhasdet izda imbaghad waqfet tahseb u qalet li ma jistax ikun ghaliex id-dar tan-nanna hija zghira u dejjem mimlija bin-nies. *Omissis* ghandu laqam *Omissis*. Mistqosija jekk kellhomx relazzjonijiet sesswali tghid li kellhom.

*Omissis* hija tfajla posessiva hafna u thobb l-attenzjoni fuqha. Per ezempju meta ommha taqleb l-ikel tghid li ma tridx tiekol, imbagahd ifesduha ftit u jghidulha u kul u tiehdu. Dan taghmel ghall-attenzjoni.

Mistqosija jekk ghandhiex kuntatt ma' *Omissis* illum tghid li hija bblokjata lil *Omissis* minn fuq facebook wara li *Omissis* tressaq il-Qorti.

Mistoqsija jekk ghandhiex ritratti fuq facebook taghha tghid li ghandha u anke quotes itellgha u anke ritratti ma *Omissis* tellghat. Mistoqsija jekk qattx kitbet fuq weekend bis-sess tghid li ma tiftakarx. Mistoqsija jekk *Omissis* qattx ghamlitilha xi haga twiegeb fi-negattiv u tghid li le qatt.

***Omissis*** xehed u qal li hu jigi missier it-twins, zewgt *Omissis* li tigi oht omm *Omissis*. Jghid li huwa jmur jorqod ghand ommu kull nhar ta' Gimgha u nhar ta' Sibt u ghalhekk kien jiehu lil mara tieghu *Omissis* mat-tfal tieghu *Omissis* u t-twins jorqdu ghand ommha *Omissis*. Cio nonnostante ighid li gieli kien hemm okkazjonijiet meta kien jiehu wiehed mit-twins mieghu. Qal li *Omissis* ghandu sittax-il sena u t-twins ghandhom tmien snin. Qal li fis-sajf *Omissis* tkun ghand ommha kwazi kuljum u fix-xitwa kwazi kull filghodu. Kull meta l-mara tmur ghand ommha tiehu maghha lit-tfal. Jghid li *Omissis* kien joqghod hafna ma

*Omissis* u joqghodu jilghabu fuq il-play station li tinsab fil-kamra tas-sodda l-bajda.

Meta arrestaw lil *Omissis* sar jaf bil-kaz u jghid li t-twins tieghu qatt ma qalulu xejn b'referenza ghall-incident li gie akkzuat bih *Omissis*. Ma jafx li kien hemm xi abbuz quddiem it-twins tieghu. *Omissis* qatt ma qallu xejn minkejja li dejjem ikun ghand in-nanna ma ommu. Gieli kien ikun hemm *Omissis* minghajr *Omissis* ghand in-nanna.

***Omissis*** xehed u qal li jigi l-kugin kemm ta' *Omissis* kif ukoll ta' *Omissis*. *Omissis* u *Omissis* kienu jiltaqghu jum il-hadd ghaliex is-Sibt *Omissis* kien jahdem ma' missieru ta' sikwit. Jghid li l-Hadd, *Omissis* kien jinzel ghand in- nanna ghall-habta tal-10.00 ma' *Omissis* jieklu u wara jerghu imorru ghand-*Omissis*. Jaf li *Omissis* ihobb jilghab bil-play station. Rari kien joqghod ma *Omissis* meta kienet tkun id-dar ghax dik kienet tkun qed tilghab fuq il-mobile ghalkemm kienet tidhol fil-kamra tas-sodda minhabba l-internet connection.

Ma jafx li kien hemm okkazjoni li *Omissis* kienet qed traqqad it-twins u dan ghaliex dejjem ommu raqdithom. Qal li *Omissis* kien jilghab il-play station u kien ikun hdejh. Huwa jabel hafna mieghu u rari *Omissis* kienet tkun hdejhom. Mistoqsi jekk *Omissis* qattx raqdet ghand in-nanna jghid li ma jafx. Zgur li mat-twins ma kientix torqod.

Jghid li *Omissis* ma tantx kellha relazzjoni ma' *Omissis* ghax hi supperva inqas ma tkellimha ahjar. Qal li hu ma tantx kien ikellimha ghax supperva. Kien ikellimha biss fuq skola u jitkellem maghha jekk tkellmu hi. Per ezempju isaqsih kif mar fl-ezamijiet u hekk. Mistoqsi jekk hix habiba tieghu fuq facebook jghid li le, ghaliex jibza' minnha li mhux tivvinta fuqu. Meta l-pulizija marret tigbor lil kuginuh *Omissis*, ibblokja lil *Omissis* dak in-nhar jew ftit wara ma jiftakarx ezatt. Jghid li

kien sema' fuq l-ahbarijiet x'kien gara lil *Omissis*. Minn dak inhar ma regax kellimha u bblokkjha. Lil *Omissis* ma kellmux fuq il-kaz biex ma jfakkrux min xiex kien ghaddej. Sa fejn jaf hu hadd mill-familja ma kellem lil *Omissis* jew lil *Omissis* wara li sehh l-incident.

Meta *Omissis* kien ghadu jorqod ghand in-nanna gieli raqad fil-kamra l-bajda u kien ikun mieghu.

*Omissis* ghandha karattru posessiv il-hin kollu trid tara li hi l-ahjar u anke tghajjat ma ommha. Tghir ghall-ohtha *Omissis* u perss li *Omissis* hi *lactose intolerant* u allura tinghata aktar attenzjoni dwar l-ikel li tiehu, *Omissis* ma tiehux gost b'dik l-attensjoni li tinghta lil ohtha.

Mistoqsija jekk *Omissis* ghandhiex relazzjoni tajba ma *Omissis* jghid li m'ghandhiex u ma kellhiex u lanqas mieghu ma kellha ghax titfalu l-botti kif mar fl-ezamijiet. Huwa ma tantx ihobb jistudja u meta fil-fatt kein ghamel l-esami tal-maths u wehel u staqsietu kif mar u qallha li kien wehel, hi wegbitu li kienet ghaddiet pero' imbaghad ohtha *Omissis* kienet qaltlu li kienet wehlet minn l-esami u ghamlet lejl tibki.

Mistoqsi kif kien jikkomuika maghha fil-bidu jghid tramite l-messenger. Jiftkar ukoll li darba minnhom missieru xtralu play station u hija ridet xi haga ahjar minnu u talbet lil misierha jixtrilha *Hover Board* u meta ghall-ewwel qallha li ma setghax ghamlet il-grillu u ridet din biex ma thossiex inqas minnu. Riedet ikollha affarijet ahjar minnu. L-ewwel kienet titlob u jekk il genituri taghha jghidulha li ma jsitghux jinqala' panik kbir.

Jghid li *Omissis* tahtaf in-nies tghajjar lin-nies li ma jaqblux maghha. Mistoqsi jekk qattx ghajjritu jghid li le u lanqas ma iggieled maghha izda huwa joqghod

jilghab il-*play station* u jevitha. Ikellimha biss meta tkellmu hi. Rari tkun hdejhom fil-kamra l-bajda kienet tkun fuq il-mobile il-hin kollu u tmur hdejhom biss biex taqbad mar-router. Ma jafx bl-incident fejn *Omissis* raqdet lil hutu t-tewmin.

Qal ukoll li *Omissis* hija supperva, ma tmurx tajjeb man-nies u cioe' ma kulhadd trid taqbad ma kulhadd trid tiggieled. Kienet pero' titkellem ma ommu *Omissis* ghax kienet taqbel maghha.

Qabel il-kaz kienu familja wahda kienu jkunu kollha ghand in-nanna *Omissis* dejjem flimkien imorru l-bahar jieklu barra u *Omissis* kienet tkun maghhom ukoll.

Issa huwa lil *Omissis* ma jkellimhiex aktar u lanqas lil familja taghha ghax gidbet fuq il-kugin *Omissis*. Jghid li impossibli li grat dak li akkuzatu bih. Il-post tan-nanna hu zghir hafna u meta *Omissis* qalet li *Omissis* kien ibaghbasha kien ikun hemm hafna nies u ghalhekk mhux possibli.

Ricentement f'Awwissu, 2018 kien iltaqa' maghha l-festa ta' San Gaetanu izda ma kellimhiex, hares lejha u baqa' sejjer. Qal li meta l-pulizija marru sabiex jigbru lil *Omissis* ghand in-nanna dehrlu li kellu jibblokkja lil *Omissis*. Mill-ewwel issuspetta li kienet *Omissis* li kienet irraportatu u dan ghaliex kien ilha ma tersaq lejn id-dar tan-nanna.

Mistoqsi jekk qatt telgha fuq il-kamra tal-bejt jghid li gieli telgha maz-ziju *Omissis* biex jghalef l-ghasafar izda mhux wahdu u rari kien jitla'.

Jinghad li bhala fatt jirrizulta li *Omissis* twildet nhar l-4 ta' Jannar 2003 waqt li l-akkuzat twieled fid-29 ta' Novembru 1993 u ghalhekk bejniethom hemm ghaxar

snin differenza . Jirrizulta ukoll li *Omissis* u *Omissis* huma primi kugini fejn omm *Omissis* tigi oht missier *Omissis*.

Ikkunsidrat.

Fil-kaz odjern il-Prosekuzzjoni fost l-ohrajn ressqet lill-allegata vittma tixhed u tispjega x'gara matul is-snin li giet abbuzata, lill-guidance teacher ma min fethet qalbha l-allegata vitma, zewgt ihbieb taghha li tkellmet maghhom *in breve* dwar dak li issokkombiet ghalih tul xi zmien, lir-rapprezentanti tal-agenzija Appogg biex jikkonfermaw ir-rapport li rcevew minghnd il-guidance teacher *Omissis*, u lill-Ufficjali tal-Pulizija l-Spettur tal-Pulizija, Paula Ciantar li investigat ir-referral li rceviet mill-Appogg.

Min naha l-ohra id-difiza ressqet bhala prova il-familjari tal-akkuzat u tal-vitma ghalix huma l-istess u dan biex jixhdu fuq l-karattru kemm ta' *Omissis* kif ukoll tal-akkuzat u dwar it-trobbija taghhom fis-sens tal-familjarita' li kien hemm fid-dar tan-nanna gewwa il-flat taghha il-Marsa.

Ikkunsidrat,

Illi fl-ewwel lok, jinghad kif tajjeb osservat id-difiza illi l-akkuzat m'huwiex tenut li jressaq l-ebda prova sabiex jipprova l-innocenza tieghu u ghalhekk jista' jaghzel li jistrieh fuq il-provi prodotti mill-prosekuzzjoni u hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha sal-grad li trid il-ligi, w cioe *beyond reasonable doubt*.

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-appellanti huma veri w dan ghaliex kif jghid il-**Manzini**[1] fil-ktieb tieghu:-

[1] Diritto Penale Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit."*

Huwa minnu, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat. Pero' huwa daqstant veru wkoll kif gie deciz, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker[2]:**

*"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Illi din il-Qorti tenfasizza li f'dawn it-tipi ta' kawzi li jikkoncenaw offizi sesswali , jigi rilevat illi hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, waqt li d-difiza trid tipprova d-difiza taghha fuq bazi ta' probabilita'. Dan qed jinghad in sintonija ma dak li stqarr l-avukat difensur fi-kontro replika tieghu u in omagg mal-principji generali tal-procedura kriminali li ghandha tigi segwita fil-Qrati nostrana.

Illi minn ezami akkurat tal-provi prodotti mill-partijiet fil-kaz odjern jirrizulta pjuttost evidenti li din il-Qorti tinsab rinfaccjata b'verzjonijiet differenti tal-fatti, ghal kollox kunfliggenti. Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

---

[2] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Mejju, 1997

F'dan ir-rigward issir-referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Peter Ebejer</u>**[3], fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju.

Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu (li dwar dan smajna hafna f'dan il-Guri), ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **<u>Miller v Minister of Pension</u>**[4] - tal-espressjoni '*proof beyond a reasonable doubt*':
"*Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice.*"

Illi ssir-referenza wkoll ghas-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Martin Mark Ciappara</u>**[5] fejn gie spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe' jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor.

---

[3] deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru, 1997 fil-kawza
[4] 1974 - ALL Er 372
[5] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar id-9 ta' Settembru 2002.

Illi in oltre, jigi rilevat illi l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat w individwali (kif ukoll tajjeb osservat id-difiza) izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati.

Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dan hu kumment li ghadda l-avukat difensur fil-kontro-replika fis-sens li kull eventwalita' ghandha tigi meqjusa u mistharrga fit-totalita' tal-kaz. Dawn l-eventwalitajiet ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Naturalment pero mhux in a vacuum izda in konnessjoni mal-allegat fatt ma xhiex ikunu marbuta.

Illi jigi rilevat illi l-Qrati Maltin b'diversi sentenzi sahqu illi sabiex Qorti issib htija fl-akkuzat fuq provi indizzjarji, kull cirkostanza trid twassal ghall-istess konkluzjoni, u cioe' illi l-allegat reat sar mill-akkuzat. Dan il-punt qed jigi indirizzat f'din is-sentenza peress illi l-avukat difensur u l-avukat prosekutur it-tnejn ghamlu l-ghalmu taghhom sabiex jorbtu kull eventwalita' mal-akkuzi adebitati fil-konfront tal-akkuzat u dan sabiex isejsu u japporofondixxu l-kawza li kienu qed jittrattaw.

Fil-kaz **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Andrea Zammit</u>**[6], il-Qorti kkwotat l-indirizz tal-Imhallef illi kien qieghed jippresjedi l-guri li tenna s-segwenti:

*"Issa hemm imbagħad ir-raba' tip ta' prova li diġa` ssemmiet waqt it-trattazzjoni li hija scircumstantial evidence. […] L-importanti pero` li tibqghu tiftakru li jekk is-circumstantial evidence, jiġifieri serje ta' ċirkostanzi jistgħu jwassluk għall-konklużjoni*

[6] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-tnax (12) ta' Jannar 2016

*waħda u waħda biss allura dik hija biżżejjed biex tistrieħ fuqha, anke fuqha biss biex issib il-ħtija. Pero` jekk is-cicumstantial evidence ma twassalkomx għal konklużjoni waħda biss imma tista' tagħti lok għal diversi konklużjonijiet, jew għall-inqas tnejn, allura ma tistgħux tistrieħu fuqha biss biex issibu l-ħtija. Dik hija r-regola prinċipali tas-circumstantial evidence. Circumstantial evidence tista' tiġi minn ħafna affarijiet."*

Illi fis-sentenza **Il-Pulizija vs Joseph Buttigieg et** [7] il-Qorti tenniet illi:

*"Din il-Qorti kellha diversi okkazzjonijiet sabiex tippronuncja ruhha dwar is-sahha probattiva ta' provi cirkostanzjali. Filwaqt illi dawna huma ammessi jistghu jwasslu ghall-htija jekk tirrizulta konkluzzjoni wahda. Jigifieri li l-provi tkun univoka."*

Johrog car mill-gurisprudenza nostrana illi jekk ikun hemm imqar izjed minn possibilita' wahda illi tkun tista' tnissel dubju illi l-akkuzat ma jkunx wettaq it-tali reat allura ma tkunx tista' tinstab htija f'dak l-akkuzat stante' illi il-provi cirkostanzjali jridu jwasslu ghall-konkluzzjoni wahda biss kif gie ritenut fil-kawza bl-ismijiet **Il-Pulizija vs Michael Ellul Vincenti** [8]:

*"Hemm ukoll il-provi cirkostanzjali illi johrogu minn dan il-process, provi illi huma wkoll imporanti, a dirittua mpellenti ghall-prosekuzzjoni, li jwassllu ghal konkluzjoni wahda u wahda biss. Meta persuna tkun qieghda tikkonsidra sabiex taghmel reat, dina taghmel minn kollox sabiex tahbi l-operat u r-responsabilta' taghha ghal dak ir-reat u jista' jkollok sitwazzjoni fejn ma jkollokx xhieda okulari izda jkollok diversi ndizji li kollha jwasslu ghand l-akkuzat bhala l-unika persuna illi seta' kien fil-pozizzjoni illi jikkommetti r-reat in kwistjoni."*

---

[7] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-1 ta' Gunju 2010

[8] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-3 ta' Ottubru 2013.

Dan gie ritenut ukoll fil-kawza bl-ismijiet **<u>The Republic of Malta vs Eduardo Navas Rios</u>**[9]:

*"It has been constantly held that in order that circumstantial evidence may serve as a basis to convict it must first and foremost be narrowly examined and then in order to give weight to a circumstance or to a number of circumstances as proving guilt this or these must be unambiguous or unequivocal meaning that these must be definite or unmistakable or clearly pointing to only one conclusion. If circumstantial evidence may have more than one meaning then that circumstance or circumstances cannot be given any weight or consideration at all because although circumstances do not lie, they may deceive."*

Illi kif ikkwotat il-Qorti tal-Appelli Kriminali fil-kawza: **<u>Il-Pulizija vs Kyle Stone</u>**[10]:

*"Circumstantial evidence – li kif qal Lord Salmon fil-kaz DPP v Kilbourne [1973] AC 729, p.758 " works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities."*

Dan qed jinghad proprju b'referenza ghal dak li stqarr l-avukat difensur fil-kontro replika tieghu meta beda' jispjega l-graph ta' *progression* li kellu jkun hemm f'kaz li kellha titwemmen ix-xhud il-minuri *Omissis*, fis-sens li mhux ikun hemm '*spike*' fil-bidu tar-relazzjoni u imbaghad ikun hemm '*drops*' u sahasnitra anke zmien ta' '*astensjoni*'. Skond l-avukat difensur skond in-natura kellu jkun hemm progression fis-sens li l-affari tiskala u mhux tonqos. Dwar dan pero' din il-Qorti ghadnna l-idejat taghha u dan ghaliex mhux kull relazzjoni hi bhal oha.

---

[9] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar id- (9) ta' Mejju 2013

[10] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-20 ta' Settembru 2013

Illi f'dan l-istadju wkoll issir-referenza ghall-kawza bl-ismijiet **ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri**[11] fejn il-Qorti sostniet is-segwenti:

*"L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda...biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit tal-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi".*

Inoltre fil-kawza bl-ismijiet **Pulizija vs Paul Grech**[12] intqal illi:

*"l-provi fil-kamp kriminali jistghu jkunu kemm diretti u kif ukoll indizjali, basta dawn ikunu sufficjenti biex inisslu konvinciment morali f'mohh il-gudikant lil hinn minn kull dubju ragjonevoli mirreita' ta' l-imputat."*

Finalment fid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Superjuri bl-ismijiet **ir-Repubblika ta' Malta vs Angel sive Angelo Bajada**[13] gie ddikjarat illi:

*"L-assjem tal-provi kien tali li a bazi tieghu l-gurati setghu ragonevolment u b'konvinciment morali trankwill ghall-aħħar jaslu għall-konkluzjoni la ma jemmnux dak li qed isostni l-appellant u jsibu li l-provi jwasslu inekwivokabbilment ghall-ħtija tiegħu. L-indizji, biex jagħmlu prova, jeħtieg li jkunu univoci".*

[11] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Lulju 2002
[12] Deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' April 2001
[13] Deciza mill-Qorti tal-Appell nhar il-15 ta' Mejju , 2009

Illi guristi Inglizi bhal per ezempju **Pollock C.B**[14] **u Richard May**[15] dahlu fl-interpretazzjoni tal-apprezzament tal-prova cirkostanzjali u t-tifsira tal-univocita` u qalu s-segwenti:

*"It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but that is not so, for then, if any one link broke, the chain would fall. It is more like the case of a rope comprised of several chords. One strand of cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength. Thus, it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of guilt with as much certainty as human affairs can require or admit of. . .".*

Illi b'zieda ma dan, l-avukat difensur irrileva illi mhux kull prova cirkostanzjali hija ugwalment importanti u b'sahhitha, dwar dan ghandu ragun. Din il-Qorti tkompli zzid li mhux kull prova cirkostanzjali fil-fatt tista' tissejjah cirkostanzjali, peress li jista' jkun hemm kaz fejn tali prova ma torbot xejn mal-fatt li qed jigi trattat. Ghandha tkun infatti d-diskrezzjoni tal-gudikant li jizen kull bicca evidenza migjuba fil-proceduri biex tigi ghall-konkluzjoni jekk il-prosekuzzjoni ppruvatx il-kaz taghha oltre d-dubju ragjonevoli. Illi huwa risaput illi bi provi cirkostanzjali wahedhom, f'certi kazijiet, jista' jkun hemm htija.

Illi l-gudikant ghandu jkollu s-serhan tal-mohh li anke jekk ikollu prova cirkostanzjali wahda, dina ghandha tkun bizzejjed sabiex ikollu l-konvinzjoni morali u legali li kollox jindika li l-akkuzat ikkommetta dak id-delitt. Dan qed jinghad ghaliex l-avukat difensur stess waqt il-Guri ighid '*li setgha jieqaf hawn*' a bazi tal-prova li kien qed jiddiskuti per ezempju dwar dak li allegatament kitbet

[14] (Criminal Evidence (3rd Edition) [1995]
[15] (Sweet and Maxwell Criminal Practice)

l-minuri fuq il-face book taghha li "*I've got a good heart, but this mouth….*". Dawn huma l-kliem li *Omissis* stqarret li qalet u li gew rapportati fix-xhieda taghha li tat l-Qorti li ghandha miktuba fuq il-face book taghha u ghalhekk id-difiza ghandha tghamel referenza ghalihom *ut sic* u mhux izzid kliem ohra maghhom biex tghati it- tifsira taghha kif trid hi.

*Omissis* giet mitluba tispjega ulterjorment x'ridet tfiser b'dawn il-kliem u qalet "*Ghandi qalbi tajba pero' xi kultant meta nirrabja naf nghid xi affarijiet li ma nfissirhomx. Per ezampju xi sigrieti zghar... Inkun qisni sassy*" Mistoqsija xi tfisser bil-kelma '*sassy*' tghid li jkollha '*attitude*'. Mistqosija xi trid tfisser bil-kliem li tghid xi affarijiet li ma tkunx trid tghid fis-sens li bhal per ezempju xi hadd jghidilha xi sigriet kbir ma tghidux pero' jekk xi hadd ighidilha xi sigriet zghir bhal tghidu.

Kunsiderazzjoni legali,

Bhala regola ghandu jitqies li tingieb il-prova l-aktar shiha u sodisfacenti illi l-kaz ikun jghati u li ma jithalla barra ebda xhud li x-xhieda tieghu ikun importanti. Dan qed jinghad ghaliex id-difiza temmen li l-prosekuzzjoni naqset li tressaq certu xhieda/provi li fil-fehma taghha kienu important fosthom is-segwenti:

1. *Omissis*. Il-Qorti tistaqsi x'kienet tkun il-prova li setghet semmai tipprova il-prosekuzzjoni b'dan ix-xhud? Jidher minn dak li stqarret *Omissis* li kien dan ix-xhud li gieghlha taghmel ir-rapport li ghamlet. *Punto e basta*. Ma hux ser ikun jista' jikkorrobora dak li qalet l-minuuri lil guidance teacher u dan ghaliex kif tghid il-minuri stess hija ma tat l-ebda dettalji minn dak li spjegat lil guidance teacher lil *Omissis* salv li kellha problema mal-familja u li kienet ilha ghaddejja ghal seba' snin. Ma kienx jaf li kienet giet abbuzata ghal sebgha snin. Il-fatt li hija tkellmet in segwitu mal-guidance

teacher hu pprovat u korroborat minn dak li qal il-*guidance teacher Omissis* u mill-allegat vitma ukoll.

2. Il-*boyfriend* attwali u cioe *Omissis* biex jikkorrobora x'tip ta' relazzjoni ghandha l-minuri jekk ma kellhiex relazzjoni sesswali mieghu jew le. Jinghad li independentement mill-fatt jekk kellhiex jew le dan il-fatur mhux ser jitfa' dawl fuq il-fatt jekk l-akkuzat abbuzax minn kugintu jew le.

3. It-tewmin ahwa *Omissis* li fiz-zmein tal-allegat incident kellhom madwar sitta jew sebgha snin. Fid-dawl ta' dak li intqal mill-allegata vittma dawn il-minuri ma kienu raw xejn. Mhux talli hekk izda *Omissis* fl-istqarrija tieghu a fol. 11 tal–process mill-ewwel jinduna ghal liema incident kient qed tirreferi l-ispettur u ex admisses jispjega li *"fil verita bdejt noqros lit-tfal"*. Dan ifisser li zgur li it-tfal kienu qed jiccaqilqu bl-agir tal akkuzat stess u ghalhekk x'setghu jghidu it-tfal jekk kienu aljentai b'*Omissis* stess billi kien qed joqroshom u ghalhekk jaljenhom? Mistoqsi jekk kienux reqdin jghid li kienu wicchom 'l fuq bit-tablet. Ghalhekk ma kienx hemm lok li jitressqu bhala xhieda biex jikkonfemraw li kienu taht il-lizar ma *Omissis* f'okkazjoni partikolari u dan ghaliex l-akkuzat stess jiftakar din l-okkazjoni u jitkellem dwarha meta mistoqsi fl-istatement tieghu.

4. *Omissis* omm it-twins. Dwar dan *Omissis* stess tghid li meta *Omissis* kienet fis-sodda mat-twins u huwa kien bil-lizar fuq saqajh jistenna telefonata filwaqt li z-zijiet kienu id-dar jahlsu l-art (fol. 110). Jigifieri zgur li ma setghu jaraw xejn ghaliex kellhom x'jghamlu. Jekk id-difiza xtaqet li din ix-xhud tittella beix tikkonferma jekk it-twins qalulha xi haga dan kien jammonta ghal *detto del detto* u mhux xhieda ammissibli f'dan il-kaz.

5. Psikologa. Pero' d-difiza ma ssemmix liema psikooga jew ghal liema skop jew jekk kienx biex jindika l-istat mentali ta' *Omissis*. Dwar dan ukoll l - Qorti ma tarax li kien hemm bzonn peress li *Omissis* kienet cara f'dak li ghaddiet minnu u fir-rigward ta' dak li hasset bhala rizultat minn dak li ghaddiet minnu. Jidher li fil-fatt *Omissis* hija persuna estoika u ta' ftit kliem u ftit li xejn tiftah qalbha ma terzi persuni salv jekk mhux necessarju.

**Badgering**

Id-difiza stqarret li l-ufficcjal prosekutur uza tekinka ta' badgering fl-investigazzjoni li ghamlet mal-akkuzat u dan ghaliex hemm repetizzjoni ta' l-istess domandi. Jinghad li huwa veru li hemm numru ta' domandi li saru aktar minn f'okkazjoni wahda pero' imkien ma jidher li l-ispettur uzat xi forma ta' thedid jew pressjoni fuq l-akkuzat sabiex ibiddel il-vesjoni tal-fatti kif esposti minnu. Jidher li l-akkuzat kien adamanti f'dak li qal u zamm ma l-istess versjoni moghtija minnu. L-ufficcjal prosekutur kienet qed taghmel xoghlha u jidher li fic-cirkostanzi tal-kaz dan ghamlitu bi professjonalita'.

**<u>Esami mediku</u>**

Di piu' l-**artikolu 520(1)(d) tal-Kodici Kriminali** jrendi lill-**artikolu 559 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili** applikabbli ghall-qrati tal-gustizzja kriminali. L-artikolu 559 tal-Kap 12 jistipula illi:

"*Il-Qorti ghandha fil-kazijiet kollha tordna li ssirilha l-ahjar prova li l-parti tista' ggib.*"

Minn naha l-ohra pero', trid tigi rispettata r-regola sagrosanta li fi proceduri kriminali, in rigward il-presunzjoni tal-innocenza ta' persuna akkuzata b'delitt,

il-Qorti trid tara li persuna akkuzata ghandha tinstab hatja minghajr ma jissussisti dubju dettat mir-raguni u b'dik il-konvinzjoni morali, u fuq bazi legali, li ghandu jkun hemm, f'kull kaz, sabiex tali decizzjoni tkun wahda certa u serena. Dan qed jinghad ghaliex id-difiza qed issostni li l-prosekuzzjoni naqset meta ma talbitx li l-minuri tigi nvistata minn tabib bil-ghan li ikun hemm korroborazzjoni ma dak mistqarr mill-minorenni waqt l-investigazzjoni.

Irid jigi imfakkar qabel xejn li l-minorenni giet mitkema mill-ispettur Paula Ciantar zmien wara li sehh l-akkadut u cioe' jrid jigi enfasizzat li l-atti impudici saru allegatament fuq medda ta' sebgha snin minn meta il-minorenni kellha sebgha snin sakemm kellha erbatax-il sena. Jinghad li r-referral lill-pulizija sar proprju meta l-minorenni kellha erbatax-il sena (xaghrejn wara l-ahhar att sesswali kif mistqarr minnha) u ghalhekk erbgha snin wara l-allegat incident fejn kien hemm l-istupru.

Din il-Qorti thoss fid-dawl ta' dak li intqal mid-difiza fil-kontro replika taghha dwar in-nomina ta' eseprt mediku u cioe' li dan kien nuqqas kbir tal-prosekuzzjoni li hija ghandha twiegeb ghal tali aggravju.

Hawnhekk din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija V OMMISSIS</u>**[16] fejn inghad li:-

*"Illi minn qari akkurat tal-konkluzzjoni ta' dan l-espert jirrizulta illi ghalkemm l-ezami mediku tieghu fuq il-minuri OMMISSIS ma wera l-ebda sinjal fiziku ta' abbuz sesswali fuq il-persuna ta' l-istess minuri huwa kompla biex jghid illi dan in-nuqqas ma jeskludiex li ma kienx hemm abbuz sesswali.* ***Dr. Calvagna jghaddi biex jghid illi huwa wasal ghal din il-konkluzzjoni a bazi ta' diversi ragunijiet***

---

[16] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta Gudikatura kriminali nhar il- l-1 ta' Settembru, 2004 Numru 743/1998 per Magistrat Dr C Scerri Herrera.

***fosthom li s-sinjali ta' abbuz jistghu ma jkunux ta' natura permanenti u ghalhekk fi ftit gimghat ifiequ u ma jhallu lebda marka***[17]. *L-istess Tabib Calvagna jsemmi li mill-ezami maghmul minn Dr. Stephen Attard u l-ezami li ghamel hu fuq l-imsemmija minuri kien hemm xi tibdiliet fil-parti genitali tal-minuri fis-sens illi huwa (Calvagna) ma sabhomx ghax kienu fiequ.* ***It-tieni punt li jsemmi huwa li penetrazzjoni digitali tista' ma thalli l-ebda sinjal ta' abbuz***[18]*"*

Di piu fis-sentenza moghtija mill-Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija VS Francis Bonnici**[19] inghad li**:-**

*"Illi mill-lat mediku-legali, wara li jigi premess li wiehed mill-elementi rikjesti sabiex jissussisti d-delitt ta' stupru hu penetrazzjoni tal-organu genetali femmini, l-istess Qorti ma sabet ebda prova konklussiva dwar dan l-element hlief indizzju zghir u inkonklussiv u konsistenti f'lacerazzjoni zghira u ricenti li ghamel referenza ghaliha t-tabib ginekologu Mark Formosa.* ***Certament a bazi ta' dan l-indizju wahdu ma jistax jinghad li saret penetrazzjoni jew tentattiv ghal dan il-ghan.***[20]*"*

In oltre fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs vs Cynthia Psaila**[21] gie ritenut li:-

*"Illi f'dan il-każ hemm il-kelma tal-imputata kontra l-kelma ta' r-raġel tagħha, ta' x'ġara fid-dar konjugali tagħhom. Huwa veru li l-espert medico-legali ma sab ebda traċċa ta' vjolenza fuq il-persuna ta' l-imputata* ***iżda b'daqshekk wieħed ma jistax jeskludi l-fatt li l-versjoni ta' l-imputata setgħet kienet vera***[22]*."*

---

[17] Enfasi ta din il-Qorti
[18] Enfasi ta di nil-Qorti
[19] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta Gudikatura kriminali nhar id-9 ta' Dicembru, 2003, per l kompjant Magistrat Dr Joe Apap Bologna KAwza Numru 439/1993
[20] Enfasi ta din l-Qorti.
[21] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta Gudikatura kriminali nhar is-17 ta' Ottubru, 2008 . Kawza Numru. 112/2007
[22] Enfasi ta din l-Qorti.

Illi dan kollu inghad ghaliex din il-Qorti temmen li ezami mediku li jsir snin wara specjalment fuq minuri li tkun qed tizviluppa ma kien jindika xejn u jista' jitqies li jkun qed izid mat-trawma u tbatija li talvolta minuri tista' tghaddi meta tkun qed tirraporta kaz ta' abbuz sesswali.

Ghalhekk fid-dawl tal-provi prodotti, din il-Qorti ma tqiesx il-fatt li ma sarx esami mediku bhala nuqqas da parti tal-prosekuzzjoni u dan ghaliex imkien ma gie zvelat fix-xhieda msimugha li l-akkuzat sforzaha jew kien aggressiv maghha jew li halla xi marki jew ghamlilha xi feriti. Anzi addirittura jidher li kollox kien isisr b'mod pacifiku tal -volta ukoll almenu f'okkazjoni wahda anke konsenswali u dan fis-sliem u bla kliem sempliciment billi huwa itaptpliha fuq saqajha u forsi kif stqarret viva voce il-Qorti anke fuq idejha. Minkejja li quddiem din il-Qorti *Omissis* qalet fuq domanda li giet imposta lilha li it-teptip kien isir kemm fuq idha kif ukoll fuq saqajha l-avukat difensur hass li din ix-xhieda tammonta ghall-inkonsistenza fix-xhieda taghha u dan ghalei quddem l-ewwel Qorti kient semmiet biss li it-taptip isir fuq saqajha.

Jinghd li meta si tratta ta' xhieda ta' minoreni ma hux necessarju li jigu prodotti l-kliem bl-ezatt anzi l-hajja tghallimna li mat-trapass taz-zmien il-kliem li jigu riprodotti ikunu daqxejn differenti. Li hu important f'kaz bhal dan u li ma jinbidilx is-sens ta' dak li gie miftiehem. F'dan il-kaz il-fatt li ziedet tghid li t-teptip kien isir anke fuq idejha ma ghandux ikollu xi impatt negattiv fuq ix-xhieda taghha izda ghandu jigi meqjus bhal kjarifika fix-xhieda antecidenti taghha. Din il-kjarifika li saret fuq domanda tad-difiza stess tghin biex isahhah dak li stqarret l-minuri li kollox kien jibda' bit-teptip. Hawnhekk ma ghandniex xi kwadru fejn il-minorenni pingiet xi storja differenti jew addirittura qalet xi haga li marret kuntrarju ghal dak li qalet qabel. Izda elaborat fuq dak li kienet skjetta dwaru fl-ezami li sar quddiem l-ewwel Qorti.

**<u>Paraguni li saret bejn *Omissis* u *Omissis*</u>**

Id-difiza sostniet fil-kontro replika taghha li l-prosekuzzjoni ghamlet paraguni fir-replika taghha bejn ix-xhud *Omissis* (l-gharusa tal-akkuzat) u *Omissis* specjalment meta si tratta ta' posts fuq facebook. Jinghad fl-ewwel lok li dak li xehdu kemm *Omissis* kif ukoll *Omissis* f'dan ir-rigward ma jammontax ghall-best evidence u l-Qorti zgur li ma setghax ikollha kontrol fuq dak li qalu it-tnejn li huma fir-rigward tal-facebook peress li l-posts in kwistjoni ma humiex esbiti fl-atti. Ghalhekk kull referenza li hemm fil-process ghal tali post m'hix qed tinghata l-valur probabtorju tieghu. Huwa minnu li ma ghandhomx isiru parguni bejn *Omissis* u *Omissis* u dan ghaliex l-eta' taghhom hija differenti pero' xorta wahda din il-Qorti ser tiskarta dak li qalu iz-zewg xhieda f'dan ir-rigward.

**<u>Zfin tal-karnival</u>**

*Omissis* tghid li kienet tizfen fil-karnival u waqfet ghax iddejjqet. Tghid li waqfet tizfen xi tlett snin qabel ma xehdet quddiem din il-Qorti. Pero' damet tizfen xi sentejn. Id-difiza stqarret li hija kienet tizfen fil-karnival fiz-zmien meta kienet imdejqa. Id-difiza tablet lil *Omissis* tispjega kif tghid li kienet imdejqa u tmur tizfen xorta u ix-xhud wiegbet li "*meta tizfen tkun happy ghaliex il-bqija imdejqa kont inkun. Dak il-hin kont inehhi l-affarijiet minn mohhi u nahseb fuq iz-zifna u l-musika kienet tghini biex inehhi l-problemi.*" Spejgat ukoll li wara kienet terga tkun 'sad'. Mistqosija jekk meta tkun ghaddejja minn trauma ma jkollokx aptit tizfen tghid li '*hi kellha mohh anzi looking forward sabiex mhux dejjem nkun sad izda ikollhi happy mood'*.

Il-fatt li in effetti *Omissis* kienet tmur tizfen ma jnaqqasx mit-trauma li hija ghaddiet minnha kien il-forma ta' 'escapism' taghha u dan qed jinghad ghaliex fi kliemha stess kienet tmur '*biex tinsa id-dwejjaq taghha.*"

**Kredibilta'**

Illi f'din il-kawza kollox jiddependi fuq kwisjtoni ta' kredibilta' u dan ghaliex l-akkuzat qed jichad dak kollu li gie allegat bih u cioe' li stupra lil kuginthu *Omissis*, li kkommetta attivita' seesswali maghha u li kkorrompiha. Hawnhekk ukoll id-difiza ghamlet l-ghalmu taghha biex tispjega l-importanza li din il-Qorti ghandha taghti lil kredibilta tax-xhieda mismugha minnha u li fil-fatt ghandha tigi gwidata minn dak li jiddisponi l-**artikolu 637** fl-apprezzament ta' dak li ser taghmel fuq is-xheida li instemghu f'dan il-kaz specjalment fuq dak li intqal quddiemha.

Jinghad in primis illi, "*biex tezamina l-kredibbilita' tax-xhud, il-Qorti ghandha tezamina d-dettalji -ezami li ghandu jsir dejjem, imma li jakkwista importanza akbar meta hemm zewg xhieda principjanti, wahda tghid abjad u l-ohra tghid iswed. U fost il-kriterji tal-kredibbilita' hemm dak tad-deportament tax-xhud fl-isbarra tax-xhieda, u dak tal-konsistenza tax-xhieda mal-materjal l-iehor li jkollha quddiemha l-Qorti*"[23].

Waqt li *Omissis* tikkonferma ir-rapport li ghamlet lil guidance Teacher kif ukoll lill-pulizija tal-Vice Squad u tinsisti li l-abbuz sesswali baqa' ghaddej minn meta kellha seba' snin sa xahar qabel ma giet interrogata mill-pulizija f'Novembru, 2017 meta hija kellha erbatax-il sena, l-akkuzat jichad b'mod kategoriku l-allegazzjonijiet li saru fil-konfront tieghu u dan fit-totalita' taghhom u jghid biss li setgha iccajta ma *Omissis* dwar il-fatt li sidirha kien qed jikber billi uza l-kelma ratba ta' *dendini*' izda insista li zgur li ma abbuzax minnha u wisq inqas li stuprha. Hawnhekk jigi rilevat li ghalkemm l-akkuzat jammetti li fil-fatt kien jinki lil *Omissis* u dan sahansitra anke quddiem ommha, meta ommha *Omissis* xehdet din qalet li quddiemha *Omissis* qatt ma iccajta fuq l-izvilupp ta' bintha

[23] Amabile Cauchi vs Gianni Attard – App Krim. 21/05/1955

*Omissis* minkejja li *Omissis* ighid fl-istqarrija tieghu li dan id-diskors tad-dendini sar quddiem l-omm.

*Omissis* tinsisti li l-versjoni tal-fatti kif moghtija lill-Guidance teacher, ripetuta fil-presenza tas-social workers tal-Appogg quddiem il-pulizija tal-Vice squad hija vera. Jidher li fil-fatt hija konsistenti u dejjem zammet ma l-istess rakkont dwar il-fatti kif spejgati minnha. Jidher li hemm certu affarijiet li fil-fatt l-akkuzat jikkonferma li saru pero jghati xejra differenti ghaliex jichad li kkorrompiha jew li ippartecipa f'attijiet sesswali maghha jew addirittura li kien stupraha. Pero jammetti li kellu relazzjoni maghha ta' kugina u li kien iqatta xi hin maghha u meta gie msitqosi jekk kienx jorqod maghha fl-istqarrija iwiegeb meta gie msitoqsi jekk *Omissis* kienitx torqod ghand in-nanna (fol. 106) ighid li ' *Ija gili raqdet hemm'*. U aktar a fol. 114 iwiegeb li ma hux cert jekk raqadx maghha anzi jghid " *ma nafx ta ma jdihirlix. Jekk forsi gili kont rieqed u giet hi u raqdet hemmhekk*". Dan ukoll jidher li *Omissis* kien incert anzi minn haga daqshekk *non incidental* u cioe jekk kugintu raqditx ghand in-nanna jew le u jekk raqditx mieghu jew le. Filwaqt li *Omissis* hija cara u fix-xhieda taghha tghid li iva gili raqdet ma *Omissis* fis-sodda. Interessanti jigi notat li fir-rigward ta' meta torqod ma kuginuha fis-sodda *Omissis* ma taghmel l-ebda allegazzjoni ta' attivita sesswali li sehhet mal-lejl. Minkejja li hija skjetta fix-xhieda taghha *Omissis* hija cara fl-okkazjonijiet ta' meta l-akkuzat fil-fatt abbuza minnha kif ser jigi spjegat aktat ' l quddiem.

Per ezempju li kien hemm il-kugini zghar taghhom it-twins fis-sodda u kienet qed tipprova traqqadhom u dan fl-ewwel kamra il-bajda meta hu kien fuq is-sodda bil-lizar ma saqajh ma jichdux *in se*, izda huwa jichad kuntrarjament ghal dak li tghid hi li dakinhar kien taptpilha fuq saqajha u mess il-parti privata taghha u ha idejha biex ipoggiha fuq il-parti tieghu. Hawnhekk id-difiza tinsisti li dan ma kienx fizkament impossibli ghaliex huwa mpossibbli li tfajla ckejkna kif inhi l-komposizzjoni ta' *Omissis* tkun tista' zzomm zewgt itfal fuq dirajn wahda u

bl-ohra li hi stess tghid li hi qasira tispicca fuq il-parti privata tal-akkuzat meta dan kien b'daru lejn it-tustiera. Dwar dan *Omissis* tghid li mhux daru kien mat-tustiera izda rasu, u kien mimdud u saqajh il-fuq qishom triangle u kollox gara taht il-lizar. Tghid li t-tfal kienu distracted u dwar dan *Omissis* jghid li hu minnu li kienu 'distracted' ghax kien qed joqroshom u jaraw xi tablet. Spejgat ukoll illi l-incident dam xi hames jew ghaxar minuti u idejha baqghu fuq il-parti privata ta' *Omissis*. Tghid li dan l-incident sehh fit-2 ta' Setembru 2017. *Omissis* ukoll isemmi li dakinhar kien hemm hafna nies id-dar kif tghid hi. Dwar dan jinghad *Omissis* giet mistoqsija biex tispjega jekk dakinhar ejakolax tghid li le: Mistoqsija jekk il-bieb tal-kamra kienx miftuh tghid li le, maghluq, ghaliex iz-zija jew *Omissis* kienet dahlet biex tiehu xi haga u ghalqitu biex it-twins jorqdu. Waqt dan l-incident *Omissis* jghid ukoll li iz-zijiet tieghu kienu d-dar, izda kienu qed jahslu l-art meta huwa kien fuq is-sodda ma *Omissis* u t-twins

*Omissis* tispjega incident iehor meta kienet fis-sodda ma *Omissis* u kienet liebsa shorts u tank top li kienu imwahla ma xulxin bi speci ta' zip u kienet mimduda fuq il-lemin tieghu. Tghid li kienu wahdehom fil-kamra tas-sodda il-bajda u dak il-hin ressaqha lejh u poggiha fuqu u gew '*face to fce*' ma xulxin. Kienet bil-hwejjeg u hareg l-parti privata tieghu u prova idahhalha mil-hwejjeg taghha. Kienet ghadha liebsa pero' hu kien hareg il- parti tieghu. U ghafsu mal-hwejjeg taghha qisu ser idahhlu fiha. Hi mbuttatu u marret f'psotha u marret it-toilet. Bezghet li ser ikollha xi teba u ghalhekk meshet dik il-parti tal-libsa ghaliex tghid li l-parti tieghu hija '*speci ta' mahmuga*'.

Mistqosija jekk kellhiex sess orali ma *Omissis* tghid li kien igieghlha pero' ma ridietx ghax titqazzez. Minkejja li hu kien igeghlha biex tiftah halqha kemm tista'. Hija qatt ma poggiet il-parti genitali tieghu f'halqha. Hawnhekk il-Qorti tinnota il-genwinita tax-xhud li ma zzidx il-versjoni moghtija a tempo vergine lill-guidance teacher.

Mistoqsija meta hareg il-parti privata tieghu qattx ejakola tghid li iva. Mistoqsija jek tafx xi tfisser tejakola ighid li li iva, *'igib l-isperma'*. Tghid li dan kien isehh fuq is-sodda u meta kien jegakola kien igieghlha tpoggi idejha l-fuq u l-isfel fuq il-parti privata tieghu.' Meta kien jegakola kien jieqaf u jmur it-toilet u jimsah l-isperma. Imbaghad daqshekk ghal dik il-gurnata. Tghid li dan grat kemm il-darba.

Mistosija biex tispejga l-incident tal-bejt tghid li *Omissis* kien talabha titla' mieghu pero' ma ftakritx ir-raguni ghaliex kien talabha. Tghid li pero' telghet minn rajha wahedha.

Mistoqsija jekk setghetx tieqaf tmur ghadn in-nanna tghid li ma setghetx u dan minhabba tlett ragunijiet. Fl-ewwel lok tispjega li ma kienitx kbira bizzejjed biex toqghod wahdeha id-dar, it-tieni, meta l-mummy kienet tmur torqod ghand in-nanna kellha tmur maghha u fit-tielet lok ma kienx facli ghaliha li tghid lil ommha li *Omissis* kien qed jabbuzaha. Tghid li kien ikun ahjar kieku setghet taghmel dan u peress li ma kienet qaltilha xejn ma setghetx ma tmurx maghha.

*Omissis* tispjega illi l-abbuz sar f'hafna okkazjonijiet ghal-zmien twil ta' cirka sebgha snin. Spjegat li ma tkellmitx qabel ghaliex l-akkuzat kien qallha fl-incident li sehh fil-kamra tal-bejt meta kellha ghaxar snin biex ma tiftahx halqha izda cio' nonostante ghazlet li titkellem mal-guidance teacher ta' l-iskola, snin wara ghaliex hasbet li ohtha jista' jigrilha l-istess. Mistoqsija jekk tkelmitx maz-zija *Omissis* dwar *Omissis* dwar dak li kien jghamlilha *Omissis* tghid li le u lanqas lill-genituri ghaliex kienet tibza' li ser tfarrak familja.

Il-prosekuzzjoni thoss li ghandha kaz provat kif ser jigi spejgat 'l quddiem waqt li d-difiza issostni li l-prosekuzzjoni ma irnexxilhiex tipprova l-kaz taghha sal

grad rikjest mill-ligi. Id-difiza temmen li l-prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Id-difiza umilment tissottometti li l-gurisprudenza nostrana lineari u kostanti, fejn kif ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Abdilla** [24]il-Qorti sehqet illi: "*F' kull kaz, l-onus probandi f' proceduri kriminali huwa dejjem dak ta' prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Ghalhekk, id-dubju u n-nuqqas ta' kjarezza tax-xiehda tar-rapprezentant tad-Dipartiment tad-Disinn kellu jittiehed favur l-esponent u jilliberah minn kull akkuza*."

Illi apparti minn hekk, kif professat mill-awtur Manzini - onus probandi incumbit qui asserti, u ghalhekk tinsisti li sta ghall-prosekuzzjoni li tipprova lil hemm minn kull dubju dettat mir-ragun li l-akkuzat hu hati tar-reati addebitati fil-konfront tieghu.

Id-difiza tistqarr ukoll li l-versjoni tal-fatti kif spejgati mis-social workers u mill-pulizija hija biss *detto del detto* u ghalhekk mhux xhieda li l-Qorti ghandha tistrieh fuqha izda li l-enfasi ghandu jkun fuq ix-xhieda tal-minuri stess li xehdet dabtejn quddiem il-Qorti apparti meta tat il-verzjoni taghha lil guidance teacher u in segwitu lill-pulizija waqt l-investigazzjoni u din imbaghad ghandha tigi ezamiant fid-dawl ta dak li qalu ix-xhieda tad-difiza fil-konfront taghha stante li huma jigi fl-istess grad ta qrubia bhall ma jigu mill-akkuzat.

Id-difiza teccepixxi li x-xhieda ta' *Omissis* ma setghet qatt titqies bhal *safe and satisfactory* u zgur li din l-Onorabbli Qorti ma tista qatt tghid li x-xhieda taghha hija ikkonfermata minn xhieda ohra fil-konfront tal-akkuzat. Anzi b' kuntrast kbir, l-akkuzat jindika li kien zgur li ma ghamilx dak li gie allegat li sar minnhu.

---

[24] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar id-29 ta' April tas-sena 2015

Din il-Qorti thoss li ghandha taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Supretendent Sharon Tanti) vs Tristan Falzon'**[25] fejn inghad li:-

*'Illi din il-Qorti tinsab rinfaccjata b'zewg verzjonijiet tal-fatti kompletament konfliggenti. Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex tinstab htija l-imputazzjonijiet iridu jigu pruvati sal- grad ta' oltre kull dubbju dettat mir-raguni. F'dan ir- rigward issir referenza ghal sentenza moghtija fil-kawza fl- ismijiet* ***Il-Pulizija v Peter Ebejer***[26]*, fejn dik il-Qorti fakret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal- buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.'*

Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l- ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz **Miller v Minister of Pension** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice."*

---

[25] Deciz mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar il-15 ta' Marzu,, 2013. (Numru: 901/2006) lima sentenza giet appellata u l-Qorti tal-Appell kriminali kkonfermat il-htija pero varjat il-piena inflitta u dan fis-26 ta Settembru 2018 ( Appell numru 138/2018)

[26] Deciz mill-Qorti tal-Appelli kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997.

Kif kunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija Vs. Joseph Azzopardi Edward Vella'**[27]:

*'U issa ghalhekk wiehed jistaqsi xi tfisser verament presunjoni tal-innocenza? Din tfisser li l-akkuzat ma jrid jipprova xejn dwar l-innocenza tieghu; l-Prosekuzzjoni trid tipprova l-htija tieghu. Ghalhekk peress li hija l-Prosekuzzjoni li allegat l-htija tal-imputat, l-onus generali tal-prova, u cioé tal-prova tal-htija tistrieh fuq il-Prosekuzzjoni; li ghandha ghalhekk tipprova kull element tar-reat partikolari sabiex tasal ghal din l-istess konkluzzjoni.*

*L-obbligu li tipprova l-htija tal-akkuzat jrid ikun assolut, oltre kull dubbju dettat mir-raguni u f'kaz li jkun hemm xi dubbju ragjonevoli, il-Prosekuzzjoni tigi kunsidrata' li ma ppruvatx l-kaz taghha ta' htija u ghalhekk l-Qorti hija obbligata' li tillibera.'*

**Ikkunsidrat**

Huwa minnu kif hemm imnizzel fl-**artikolu 638(2) tal-Kap 9** li x-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Ghalhekk jispetta lil Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u vero simili fic-cirkostanzi u dan a bazi ta' possibilita. U kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Thorne** tad-9 ta' Lulju 2003, *"mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux"*[28]

---

[27] Deciza mill-Qorti tal Appelli Kriminali nhar l-4t ta' Settembru 2018 (Appel numru: 470/2017

[28]Ara wkoll Appell Kriminali The Police v. Graham Charles Ducker, 19 ta' Mejju 1957.

Huwa pjuttost process naturali tal-bon sens li jirrikjedi li f'kaz ta' divergenzi fix-xhieda, il-gudikant ghandu jara, skond il-provi mressqa u c-cirkostanzi kollha tal-kaz, minn minnhom ghandu jkun emnut. Wara kollox il-process penali hafna drabi hu kompost minn sitwazzjonijiet konflingenti jew ghaliex l-imputat jew ix-xhieda jghidu hwejjeg li huma kontrastanti ghall-verzjoni tal-prosekuzzjoni jew ghaliex il-fatti emergenti mill-process ma jaghmlux omagg ghad-deposizzjoni ta' uhud jew ghall-fatti imputati. Il-gudizzju huwa ghalhekk fdat f'idejn il-Magistrat jew l-Imhallfin tal-fatti fil-guri, jew lill-Imhallef biss fil-kaz fejn m'hemmx gurija kif inhu l-kaz odjern, pero' dejjem bil-kawtela illi fejn il-konflitt huwa tali li ma jistghux jaslu ghal-konkluzzjoni li verzjoni minnhom tant ghandha mis-sewwa li biha tista' tinstab htija allura mbaghad japplika l-principju *in dubio pro reo* u jghaddu ghal-liberazzjoni.

Dan fil-fatt hu rifless fis-sub-artikolu (2) tal-artikolu 638 meta jghid: "*.....f'kull kaz, ix-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar.*"

Xhieda moghtija minn nies professjonisti bhal ma huma guidance teachers u social workers li jixhdu dwar dak li intqal lilhom mill-minuri huwa ammissibli sabiex jigi konfermat dak li qalet l-istess minuri u mhux bhala xhieda li dak li qal il-minuri verament sehh. F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza preliminari fl-ismijiet **'Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Azzopardi'**[29]**28** fejn gie kkunsidrat li:-

'Il-kaz li mhux l-ewwel darba li gie citat b'approvazzjoni dwar il-hearsay rule f'kawzi ta' natura kriminali huwa **Subramaniam v. Public Prosecutor** fejn insibu dan il-kliem:

---

[29] DdECIZA MILL-Qorti Krimnali nhar l-24 ta' Ottubru , 2011 (rikors numru 33/2010)

*'Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.'*

Jekk wieħed jimxi mal-principji ta' dan il-kaz allura certi persuni li magħhom tkun tkellmet l-allegata vittma jistgħu jkunu prodotti (per ez empju, għalliem jew social worker, il-genituri jew qraba fil-qrib tal-allegat vittma). Dan qed jinghad minhabba r-referenza kontinwa li ghamlet id-difiza ghax xhud *Omissis* li kien il-persuna li tkellmet maghha li wassal sabiex il-kaz in esamina jispicca il-Qorti.

Dawn jistgħu jixhdu li l-allegat vittma tassew qal hekk. Tali xhieda hija biss prova li l-allegat vittma tassew qal hekk, izda mhux li dak li qed jgħid l-allegat vittma huwa tassew minnu.

Jekk wieħed jezamina l-ewwel sentenza tal-**artikolu 599 tal-Kap 12**, wieħed jista' jikkonkludi li l-*hearsay rule* fil-Ligi tagħna mhix daqshekk assoluta. U filfatt hekk qalet il-Qorti Kostituzzjonali hija u tiddeciedi il- kaz '**Joseph Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulizija**'[30] fejn il-Qorti kkonfermat digriet tal-Prim'Awla biex jitħalla jixhed Prokuratur Legali li kien marbut bis-sigriet professjonali. Dan tħalla jixhed mingħajr ma kellu jikxef isem it-terza persuna li kienet qaltlu biex il-fatti li fuqhom kellhom jixhed il-Prokuratur Legali.

[30] Deciza fit-13 ta' Jannar 1998

F'dak li huma decizjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu l-prattika dwar il-*hearsay rule*. (Ara dwar dan il-punt: **<u>Ir-Repubblika versus Meinrad Calleja</u>**). Recentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:"

*'Fil-limit tal-uzu li għamlet l-ewwel Qorti tal-okkorenza msemmija, ma hemm xejn irregolari. Hu ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jig i rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fic -cirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi c irkostanza li meħuda ma' provi u cirkostanza oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il- Qorti.'*[31]

Huwa minnu illi l-Qorti thares b'certa riluttanza lejn ix-xhieda maghmula permezz ta' kliem ta' haddiehor – dak illi huwa komunament maghruf bhala "*hearsay*". Dana il- ghaliex dak il-kliem ma jkunx soggett ghall-kontroll u lanqas ma ghandek is-sigurtà ta' xhieda moghtija bil-gurament. Per esempju dak li allegatament qalet *Omissis* lil *Omissis* dwar li *Omissis* m'ghadditx mill-esami tal-maths jammonta ghal hersay u ser jigi skartat. Però, hemm eccezzjonijiet, liema eccezzjonijiet jinsabu fil-ligi civili rezi applikabbli ghall-proceduri kriminali.

Hekk, jekk tiġi messa in dubbju l-kredibilita` jew il-veriċiita` ta' xhud, speċjalment jekk dak ix-xhud ikun persuna minuri, il-prosekuzzjoni ma tistax legalment tiġi mċaħħda mill-possibilita` li tikkorrobora dik ix-xiehda bil-mezzi li tagħtiha l-liġi, inkluż it-tip ta' xiehda li ssemmiet hawn. Daqstant ukoll jekk tinqala' xi kwistjoni dwar jekk ix-xhud ikunx qiegħed jiftakar sew dak li jkun qiegħed jixhed dwaru jista' jkun meħtieġ li jiġi eżerċitat kontroll ta' dik ix-xiehda bil-mezz tax-xhieda ta' ħaddieħor dwar dak li jkun qallu l-istess xhud fiż-żmien relevanti.

[31] Il-Pulizija versus Fabio Schembri' deciz fl-1 ta' April 2011

Din il-Qorti, diversament preseduta digà kellha okkazjoni sabiex tippronuncja ruhha fuq din il-punt. Safejn f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti tista' toqghod fuq ix-xhieda ta' kliem haddiehor meta ma jkunx hemm xhieda ohra fuq xhiex toqghod, u tirreferi ghall-kawza fl-ismijiet "**Ir-Repubblika vs John Borg**[32] fejn il-Qorti kellha l-istess kwistjoni quddiemha, xhieda ta' minuri bl-istess kuntest ta' korruzzjoni fuqha, u ghamlitha cara illi f'dawn ic-cirkostanzi l-provi jkunu verament minimi il-ghaliex min jaghmel ir-reat jaghmel minn kollox sabiex jahbi idejh, u mhux hekk biss, izda juza influwenza emottiva fuq il-minuri sabiex dina ma titkellimx u ma tesponix lil dak li jkun ghal vera kruha ta' ghemilu.

Ghalhekk din il-Qorti thoss illi f'dawn ic-cirkostanzi jezistu ragunijiet specjali u impellenti sabiex il-Qorti tiehu in konsiderazzjoni xhieda permezz ta' kliem haddiehor. Dan qed jinghad ghaliex f'daw it-tipi ta kazijiet hu difficli li jkun hemm xi xhieda okulari peress li fil-maggor parti tal kazijeit l abbuz isir il-boghod mill-presenza ta terzi persuni u ghalhekk f'dawn it-tipi ta kazijeit ikun hemm ix-xhieda tal allegat vitma u ix-xhiea tal-allegat aggresur li ukoll jista jispica vitma kif tajjeb osservat id-difiza jekk din il-Qorti ma tghamilx gustizzja mieghu fl-esami tal provi prodotti

Ghalhekk din il-Qorti thoss illi ghandha tqis ix-xhieda tal-Ispettur, ix-xhieda tas-social Workers Nicolette Debono u Christine Grech, kif ukoll tal-Guidance teachers u tal-hbieb taghha *Omissis* u *Omissis* illi taw id-depozizzjoni taghhom f'dawn l-atti, u ghalhekk jispetta lil din il-Qorti sabiex taghmel l-apprezzament taghha ta' dawn il-provi bil-linji gwida kif enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kap. 9, u tasal hi ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen, u f'hiex trid temmen jew ma temmnux. Hija ghandha ukol taghmel l-istess esercizzju fir-rigard tax-xhiea prodotta mill-proekuzzjoni u cioe fir-rigward ta' *Omissis*, *Omissis*, *Omissis* u l-gara *Omissis*, habiba tan-nanna *Omissis*.

[32] Deciza mill-qorti tal-Appelli Kriminali nhar id-9 ta' Novembru 2011

Jigi rilevat li x-xhieda prodotta mid-difiza aktar kienu stradati biex jaghtu kulur u deskrizzjoi dwar il-karttru tal-minuri *Omissis* a paragun tal-karattru ta' *Omissis*. Hadd minnhom ma seta' jitfa' dawl fuq l-allegazzjoni maghmula minn *Omissis* peress li din stqarret li meta kien issir l-abbuz kienet tkun wahdeha ma' *Omissis* fil-kamra u hadd ma kien jarhom. Irrizulta mix-xhieda taghhom li d-dar tan-nanna fejn saru dawn l-atti impudici kien ikun hemm hafna nies tant li l-gara tiddiskrevih bhala 'kazin' min diehel u min hiereg. Ilkoll jiddeskrivu lil *Omissis* bhala pesuna supperva, u li tippretendi li tkun ahjar minn haddiehor ghax hija ambizzjuza. Hadd minnhom pero' ma jiddeskrivi xi istanzi fejn in effetti din *Omissis* gidbet salv ghal-dak l-incident li semma *Omissis* dwar meta skond hu *Omissis* qaltlu li *Omissis* wehlet fil-maths u ghamlet lejl tibki.

Zgur li fi kwistjonijiet bhal dawn dejjem se ssib verzjonijiet konfliggenti u dak li jkun jaghmel minn kollox sabiex inehhi d-dell minn fuqu u jitfa' d-dubbju fuq il-parti li tkun qed takkuzah. Id-Difiza abbilment ghamlet minn kollox sabiex tohrog dawn id-diskrepanzi minn din ix-xhieda u turi dan il-konflitt ghandu jwassal ghal-liberatorja peress illi ma jirrizultax il-livell probattiv necessarju ghall-htija.

Il-Qorti tapprezza dan l-isforz tad-Difiza illi kien wiehed professjonali u etiku, però mhux kull konflitt bil-fors ghandu jwassal ghall-liberatorja, izda l-Qorti ghandha taghmel l-apprezzament taghha fl-isfond tal-artikolu fuq imsemmi 637 tal-Kodici Kriminali, u dan il-Qorti ser taghmlu biex tasal ghall-konkluzjonijiet taghha kemm fuq ix-xhieda li instemghet quddiem l-ewwel Qorti u li giet riprodotta, kif ukoll fuq il-komportament tax-xhieda fuq il-pedana tax-xhud.

Hawnhekk din il-Qorti tifrah kemm lill-avukati mill-ufficcju tal-Avukat Generali kif ukoll dawk fuq il-bank tad-difiza ghall-professjonalita' taghhom, li ftit rat

bhalha, ta' kif fil-fatt ittrattaw dan il-kaz u kkomportaw ruhhom f'din l-Awla tal-provi u tawgura li ikomplu juru din il-professjonalita' fil-qadi ta' dmirijiethom.

Huwa minnu kif stqarru l-partijiet li d-dover ta' din il-Qorti huwa wiehed u cioe' dak li taghmel gustizzja kemm mal-minuri, l-allegata vittma, kif ukoll mal-akkuzat, li wara kollox jifforma parti mis-socjeta' wkoll. Huwa veru wkoll li dawn l-akkuzi addebitati fil-konfront tal-akkuzat huma dawk li igibu stmerrija fis-socjeta' u huma fi kliem l-prosekuzzjoni '*abborrenti*', pero' kif tajjeb oservat id-difiza kwalsiasi reat hu abborrenti u cioe' hold-up fuq anzjan, omicidju, traffikar ta' droga fuq minuri, ilkoll jistghu jaqghu taht il-kategorija ta' reati '*abborrenti*' u li jgibu l-istmerrija tas-socjeta' kollha.

Li trid taghmel ghalhekk din il-Qorti hu li taghmel gustizzja mal-partijiet kollha u dan ser taghmlu billi ser tifli l-provi kollha tal-process u taghmel l-esami taghha dwarhom billi taghmel ricerka ghall-verita' tal-fatti. Huwa minnu wkoll li din il-Qorti ghandha piz ikbar peress ma ghandiex il-gurati li jiddeciedu fir-rigward tal-htija o' meno tal-akkuzat izda huwa l-esercizzju taghha biss li ser jiddecidi fuq l- htija o' meno tal-akkuzat u dan dejjem a bazi tal-provi prodotti.

**Ikkunsidrat.**

Illi in breve l-fatti tal-kaz huma is-segwenti. *Omissis*, minuri li llum ghalqet sittax-il-sena, kienet irraportat nhar is-17 ta' Novembru, 2017 mal-guidance teacher taghha *Omissis* tal-*Omissis* li kienet ilha tigi abbuzata sesswalment minn kuginuha *Omissis*. Stqarret kif kien l-ex-boyfriend taghha *Omissis* li kien inkoragiha biex tirraporta l-kaz u wara hafna kuragg iddecidiet li tkellem lil guidance teacher u dan wara li kienet gia tkellmet mal-gara taghha *Omissis* u habiba ohra tal-iskola *Omissis*. *Omissis* rraportat li fil-fatt kien hemm okkazjoni meta l-kugin taghha ppenetra waqt li kienu fi-kamra tal-bejt tad-dar tan-nanna u

kien hemm okkazjonijiet meta abbuzaha fizikament minnha meta kien imissilha l-parti privatai taghha u igieghlha tmiss il-parti privata tieghu u sahanstira anke kien jegakola.

Jirrizulta li l-guidance teacher *Omissis* hass li dan kien kaz serju hafna u ghalhekk qaghad jisma' dak li kellha xi tghid u ma riedx jiddisturba l-*flow* taghha tant li ma staqsa l-ebda domanda izda hass I kellu ighatiha is-support. Jghid ukoll li kien tkellem mas- superjuri tieghu *Omissis* dwar dan il-kaz u ddecidew li minnufih jghamlu referral lill-Appogg. Mistoqsija jekk tkellmitx mal-allegata vittma, *Omissis* tghid li le, pero' a bazi ta' dak li gie rapportat lilha minn *Omissis* hasbet li kien hemm bizzejjed sabiex l-Appogg tkun tista' tinvestiga l-kaz hi. Din spjegat ukoll li mhux d-dover tal-guidance teacher li jinvestiga izda li jghati support. F'dan il-kaz iddecidew li jmexxu r-rapport taghhom peress li wara l-analizi li ghamlu tas-sitwazzjoni u cioe' li kien gej il-weekend, li kien hemm minuri ohrajn li setghu jigu abbuzati u l-fatt li kollox sehh fid-dar tan-nanna kien bizzejjed ghalihom biex jirraportaw il-kaz lill-Pulizija u cioe' l-vice squad u hekk ghamlu.

Jidher li in segwitu u finalment it-tifla giet mitkelma mill-Ispettur tal-Pulizija Paula Ciantar fil-presenza taz-zewg social workers. Hawnhekk il-minuri irrepetiet il-verzjoni tal-fatti kif moghtija lil *Omissis* minghajr ma zidet xejn f'dak li qalet lilu minkejja li l-hin li kellha quddiem *Omissis* kien wiehed ristrett.

Hawnhekk jinghad li d-difiza fit-trattazzjoni taghha ilmentat b'mod ewlieni dwar il-mod spezzettat ta' kif il-minuri tirrakonta l-abbuz minnha subit, bla ma taghti time-line ta' dak li kienet qed tilmenta dwaru. Tghid li l-prosekuzzjoni imxiet b' pass mghaggel u li l-proskeuzzjoni ma investigatx il-kaz bi profondita' tant li lanqas ma kienet taf li in effetti kien hemm okkazjoni meta kienet hi stess il-minuri li avvicinat lill-akkuzat u li minkejja li meta tressaq il-Qori l-akkuzat hija kien ghad ghandha hmistax-il sena din gia kellha zewg boyfriends. Id-difiza

tghid ukoll li taraha stramba kif fil-fatt il-minuri kienet lesta li tiftah qalbha ma persuna li ma tantx kienet taf u cioe' mal-guidance teacher u mhux ma xi wiehed mill-genituri taghha meta suppost kif tghid hi kienet close taghhom jew addirittura maz-zija *Omissis* taghha li jirrizulta kellha relazzjoni tajba maghha tant li kienet zvelat maghha li kellha boyfriend qabel ma kienet fil-fatt qalet lill-ommha.

Dar dan pero jirrizulta u mhux kontestat li l-genituri ta *Omissis* ma tkelmux maghha dwar sex eduaiton u li kienu ighidulha biex biex toqghod attenta u kien iss waqt il-lezzjoni tal-PSD li saret tf dwar it tifsira tal-atti sesswali. Ghalhekk meta l-minuri tghid li ma kellhiex kunfidenza mal-genituri taghha ma hemmx raguni ghaliex ma titwemminx molto piu meta tqis li din ix-xhiea hija konfermata u korroborta minn dak li stqarru il-genituri taghha *Omissis* u *Omissis*. Il-vitma fil-fatt tghid li indunat li dak likien ighamel maghha *Omissis* hazing meta kibret u tghalmet dwar dawn l-affarijeit l-iskola ghaliex sa dak iz zmien ma kientix tf x'inh haizn u x'inhu tajjeb.

Jinghad pero' u dan *ab initio* li fil-fehma ta' din il-Qorti, il-mod kif il-kaz gie zvelat b'riluttanza ghall-ahhar mill-minuri hu ferm sintomatiku ta' kaz genwin fejn minuri thoss li ghandha tghid dak li jkun gara izda fl-istess hin tibza taghmel dan u mhux biss, izda jkollha misthija kbira biex tizvela d-dettalji kollha tal-abbuz minnha subit. Wiehed ma jridx jina li l-aggressur taghha kien il-prim kugin taghha, persuna li kiet tiltaqa' mieghu ta ikwit gewwa dar nannitha. Illi huwa iktar difficli ghall-minuri li tiftah qalbha mal-genituri taghha meta l-allegat aggressur kien in-neputi ta' ommha u li l-atti sehhew proprju fid-dar tan-nanna materna fejn il-familja *Omissis* kienet issib kemm. Illi l-emozzjonijiet li ghaddew minn mohh l-minuri qabel ma ghamlet dan ir-rapport huma indikattivi ta' dan kollu ghaliex meta giet mistoqsija mill-Qorti ghaliex damet biex taghmel dan ir-

rapport hija wiegbet li sabitha difficli ghaliex kienet taf li ser tinkiser il-familja una volta tghid dak li kellha tghid.

Dwar dan kellha ragun ghaliex illum il-gurnata il-minuri u l-familja taghha konsitenti fil-genituri taghha u ohtha z-zghira *Omissis* gew emarginati mill-familja *Omissis*. Tant li missier *Omissis* m'ghadux jaghmel ix-xoghol part time li kellu maz-ziju *Omissis* u m' ghadhomx izuru lin-nanna. Fi kliem l-omm *Omissis* is-sitwazzjoni familjari hija '*disastru*'. Tghid li rnexxilu b'referenza ghal *Omissis* '*ikissirla l-familja*' . Dan hu evidenti wkoll mill-fatt anke meta *Omissis* iltaqghet mal-kugin *Omissis* il-festa ta' San Gaetano dan ma kellimhiex izda ghazel il jibqa' sejjer.

Tfal ta' dik l-eta`, ghalkemm forsi ma jkunux jifhmu l-portata shiha ta' dak li jkun qed jigri, jistghu jirrealizzaw maz-zmien il-gravita` tal-akkadut u, minkejja l-mekkanizmu difensiv tal-mohh li jipprova jidfen l-esperjenzi trawmatici, jaslu biex jiftakru l-essenzjal ta' dak li jkunu ghaddew minnu u jesprimuh skond il-kapacitajiet ta' komunikazzjoni taghhom. Wiehed, pero`, ma jistax jippretendi precizjoni ta' dettal f'dak li huwa zmien jew frekwenza, jew dettalji ta' cirkostanzi sekondarji, trattandosi, kif diga` nghad, ta' atti ripetuti. Dan qed jinghad ghaliex filwaqt li *Omissis* tghid li l-atti impudici sehhew gieli darba kull gimghatejn u gieli darbtejn fix-xahar meta xehdet quddiem l-ewwel Qorti meta xhedet quddiem din il-Qorti qalet li kienu isiru ta' sikwiet, kwazi kull gimgha. Li hu importanti ghal din il-Qorti u li ir-rakkonti li hija zvelat baqghu l-istess bl-istess portata u minghajr ebda tizjin. Din il-Qorti ma tippretendix illi *Omissis* izomm diary bid-dati ta' meta giet abbuzata u ghallhekk meta hija stqarret li l-abbuz sehh fuq medda ta' segbha snin hija fil-fatt tat indikazzoni tal-perijodu meta sfat abbuzata. Kien hemm certu atti li ftakret meta sehhu b'mod partikolari qed issir referenza ghal meta giet stuprata meta kellha ghaxar snin, l-incident li sehh fit-2 ta' Settembru, 2017 kif ukoll l-incient li sehh f'xi zmien fis-sajf meta

kient qed traqqad it-twins. Dwar dati ohra ma jirrizutax li *Omissis* indikat xi granet partikolari pero' dwar dak li sehh f'dawn l-okkazzjonijiet kienet cara.

Id-difiza pero' dwar dan tghid li mhux minnu u li l-minuri ivvintat storja ghal-raguni mhux mgharufa izda thoss li setgha kien hemm l-ghira kif shanstira anke pprovaw ipunguha ix-xhieda tad-difiza, l-familjari taghha stess. Waslet ghal dan il-hsieb minhabba l-kliem li *Omissis* baghtet fuq xi posts li allegatament tellghet *Omissis* l-gharusa ta' *Omissis*. Id-difiza tistaqsi, kif jista' jkun li minuri li tkun ghaddejja minn dwejjaq kbar kif stqarret *Omissis* stess, u biki kbir bil-lejl tant li tahbi wiccha fl-imhadda ikollha mohh jew voglia twiegeb ghall-posts ta' *Omissis*? In oltre tghid kif jista' jkun li jkollha l-aptit tizfen meta allegatament kienet daqshekk imdejqa. Ghalhekk ikkonkludiet jit ajkun li *Omissis* kient tghir ghal kuginghaliex kellu tfajla u kien gja xtara post? L-minuri pero' giet msitoqsija dawn id-domandi u wiegbet li fil-fatt tghid li kienet tobghod gisimha, kienet tghaddi hafna zmien tibki fl-imhadda biex ma turix lill-familjari taghha u kienet tilfet l-aptit. Ma ridietx tinkwieta lil familjari taghha. Id-difiza staqsietha allura kif kellek aptit tizfen u tiehu sehem fil-karnival. Hija wigbet li kienet tghamel hekk biex ghal dik is-siegha taz-zfin jew tal-carnival tinsa' d -dwejjaq li kien ikollha. Il-minuri giet mistoqsija ukoll kif baqghet tmur ghand in-nanna meta in effetti tghid li l-abbuz kien isir hemm u tghid li ma riditx turi lill-familjari minn dak li kienet ghaddiet hi pero' fl-ahhar kienet ghajjiet u bdiet issib l-iskuzi. Id-difiza tistaqsi kif kien possibli li l- genituri taghha ma jindunawx bid-dwejjaq li kellha u l-Qorti tghid li fil-fatt l-minuri kienet tahbi dawn l-emozzjonijet taghha biex ma tinketax lill-familja taghha. Ix-xhieda prodotti mid-difiza ilkoll jghidu u li kienet tfajla ta' ghaliha u ma tkellmekx jekk ma tkellimhiex. Kienet ukol skond ix xhieda tad-difiza dittatura tikmada lill-geniuri taghha. Dwar dan pero din il-Qorti ma haditx din l-istess impressjoni bhal dik esperess minnhom li ilkol qalu li hija supperva ambizzjusa li hi tixtieq tkun ahjar minn haddiehor. Il-Qorti tistaqsi ghalxiex kellha tkun ghajjura meta ija ukoll kella byfriend u kient kuntenta

meighu tant li anke id-dar kient iddahlu u zgur li ma kellheix post ghaeix ghadha biss sittax-il sena u mhux hamsa u ghoxrin sena.

Dwar il-facebook posts jidher li z-zaghzagh ta' llum ilkoll mohhom fil-facebook u itellghu l-posts u ritratti l-hin kollu biex jaraw kemm ghandhom 'likes'. Huwa fatt mgharuf li kienet toqghod bil-mobile f'idejha ghax dan anke x-xhieda tad-difiza kkonfermawh u jghidu li kienet toqghod fil-kamra il-bajda fejn kien hemm ir- router tal-internet biex tkun tista' toqghod fuq l-mobile. Jidher li dan kien l-izvog taghha kif del resto kellu zvog l-akkuzat bil-playstation. Dwar ir-ritratt taghha tixrob min xi tazza bi straw jinghad li hi stess li kienet ghamlet 'duck face' pero' hawn ukoll din l-Qorti ma tara xejn hazin f'dan ghaliex hafna tfajliet jghamlu pozi fir-ritratti li jtellghu kif del resto kkonfemrat *Omissis* stess l-gharusa tal-akkuzat waqt li kienet fil pedana tax-xhieda. Ghalkemm f'dan il-kaz ma jista' jingibed l-ebda inferenza bejn ir ritratt ta' *Omissis* u dak ta' *Omissis*. *Omissis* tghid fix-xhieda taghha moghtija quddiem din il-Qorti li gieli shabha johdulha mal-erbghin ritratt u tghid li ma tigix tajba fl-ebda ritratt u ghalhekk ma ttellgha l-ebda wiehed minnhom u dan minhabba il-low self-esteem taghha. Tant li tghid li tobghod lil gisimha pero' taghmel mill-ahjar biex tipprova tinsa.

Jidher car li minkejja li l-minrui ghamlet ir-rapport kontra *Omissis* hija ma xtaqietx titlef il-kuntatt mal-familja materna tant li meta rat lil *Omissis* il-festa, pprovat tkellmu pero' huwa iddecieda li jemmen lil *Omissis* u ma jkellimhiex tant li anke bblokjha fuq facebook. Jidher car li l-familja *Omissis* ilkoll qatghet kuntatt maghha u dan appena li *Omissis* gie arrestat u tressaq il-Qorti. Lanqas riedu jghatu l-'*benefit of the doubt'* lil din il-minuri izda mill-ewwel hadu decizjoni li jisapportjaw lill-akkuzat ghad detriment tal-minuri. Ghalhekk il-biza taghha kienet wahd rejali

Hemm minn jghid fost ix-xhieda prodotta mid-difiza li kienet supperva u li trid tkun aqwa minn haddiehor ghaliex hi ambizzjuza. Dan pero' ma jfissirx li in effetti ma kienitx qed tghid il-verita' dwar dak li ghaddiet minnu. Anzi kif jghid is-Sur *Omissis* stess, meta missierha kien ipparkja l-vettura tieghu double parking kienet hi stess li nsistiet ma missierha sabiex inehhi l-vettura minn fejn kienet. Id-difiza tghid li b'dan il-fatt jidher li l-minuri kienet bossy u tikkmanda. Jista' jkun li kien hekk pero' dan ma jfissirx li m'ghaddietx minn dak li ghaddiet. Id-difiza tikkumenta wkoll dwar dak li qalet il-minuri u cioe' li hija '*sassy*' u b'dan riedet tfisser li ghandha attitude u allura dan ifisser li ma ghaddietx minn l-atti li hija iddeskriviet.Il-fatt li hija ghandha attitude ukol jista jghati l-kaz li hu risultat minn dak li ghaddiet minnu. L-fatt kif qalet hi stess tipprova timxi l-quddiem u thalli warajha l-episodji tal-passat hija haga hazina? Id-difiza tghid li l-minuri hija giddieba ghaliex skond dak li qal *Omissis* hija kienet wehlet minn ezami tal-Maths u kien ghalhekk li kienet tibki u mhux ghax kienet imdejqa. Bir-rispett kollu ghaliex kienet tibki *Omissis*, *Omissis* zgur ma jistax jghid ghaliex fil-fatt lanqas jghid li kien raha tibki izda jirraporta dak li seta qal haddiehor. Il-Qorti ma ravvisat l-ebda istanza fejn irrizultat gidba sfaccjata. Li setgh jirrizulta hu xi inesattezzi f'dak li qalet pero hadd ma jirrepeti fatt l-istess kliem u war kollox wara l uzu tal-kliem kif tghid l-istes difiza il-Qorti trid tara l-mesagg. In oltre *Omissis* jghid li *Omissis* qatt ma raqdet lil hutu t-twins waqt li kienu ghand in-nanna waqt li kemm *Omissis* kif ukoll *Omissis* jghidu li kien hemm okkazjoni meta kienet fis-sodda fil-kamra l-bajda flimkien maghhom taht il-lizar fejn kienet qed tipprova traqqadhom u ghalhekk forsi huwa *Omissis* li ma kienx veritier f'dak li qal. Jidher li *Omissis* kien xhud li ried jiskolpa lil kuginuh *Omissis* '*at all cost'* ghaliex kien lest li jiddefendi lilu a skapitu li jzejjen l-karattru ta' kugintu l-ohra.

Dwar ix-xhieda li tat il-gara *Omissis* jinghad li din verament kienet tkun ghand in-nanna *Omissis* u kient tara lil diversi familjari hemm pero' fir-rigward ta'

*Omissis* din ukoll kient evasiva u tghid li ftit li xejn kient tarha hemm meta rrizulta li kient tkun hemm ta′ spiss u sahansitra anke torqod hemm ma′ ommha u ohtha. Tghid li kient supperva u dan ghaliex ma tantx kient titkellem maghha u dan juri li hija pesuna introverta u mhux kif donnha riedet tpingiha d-difiza bhala tfajla fuq ruhha. Tghid li kienet tghajjar lill-genituri taghha u dan ghaliex tikmandhom u mistoqsija tispjega ghaliex waslet ghal din il-konkluzjoni taghti esempju li kienet darba talbet lil ommha igibilha xi drink u din damet u irrabjat maghha. Ix-xhud tispjega l-ambjent tad-dar tan-nanna li mhux in kontstazzjoni u cioe′ li kien il-post fejn il-familja kienet tiltaqa′ u li kien hemm ghozza kbira bejn il-membri tal-istess familja kif del resto ghandu ikun. Tghid li kien hemm ic-cavetta tal-flat fil-bieb u li ghalhekk kien facli biex tidhol. Illi dwar dan ma jidhirx li hemm xi kontestazzjoni pero′ dan ma jfissirx li waqt li l-akkuzat kien ikun ma *Omissis* fil-kamra tas-sodda ma setghax jabbuza minnha kif kkonfemrat l-istess *Omissis*. Ma hemmx l-ebda raguni l′ghala din il-Qorti m′ghandhiex temmen il-verzjoni tal-fatti kif moghtija minn *Omissis* bil-mod kawt u ta′ konvinzjoni li tkelmet dwaru.

Id difiza ma taghti l-ebda raguni ghaliex l-minuri kellha tivvinta storja jew tigdeb u meta *Omissis* giet mistoqsija jekk kellhiex xi tghid ma *Omissis* jew jekk *Omissis* kellu xi jghid maghha qalet li ma kellhomx u li fil-fatt kienet tohrog maghhom u anke il-bahar flimkien marru bhala familja.

Illi huwa minnu illi dawn il-kazijiet ta′ reati kontra l-persuna fosthom stupru, u korruzzjoni ta′ minuri hafna drabi jipprezentaw stampa fejn l-provi probatorji ikunu jikkonsistu fix-xhieda taz-zewg persuni involuti f′dan l-event kriminuz u cioe′ il-verzjoni tal-minuri u dik tal-persuna akkuzata. Wiehed jghid iswed u l-iehor jghid abjad biex b′hekk ghandhom rwol rizoluttiv, il-kredibilta' u l-attendibilita' ta' xhieda ghas-soluzzjoni tal-vertenza. Din il-kredibilita` u

attendibilita f'dawn it-tip ta' kawzi hafna drabi tohrog mill-komportament tax-xhud, oltre l-inkonsistenzi fid-deposizzjoni taghha.

Illi inoltre biex tezamina l-kredibilita' tax-xhud, il-Qorti ghandha tezamina d-dettalji ipprezentati quddiemha mhux biss mix-xhieda tal-atturi ewlenin involuti f'din il-vicenda sfortunata, izda ukoll tax-xhieda l-ohra li iddeponew u xhieda ohra li taw il-kontribuzzjoni taghhom professjonali ghar-risoluzzjoni ta' din il-vertenza, ezercizzju li din il-Qorti trid taghmel b'mod konciz u dettaljat.

Id-difiza tistghageb ukoll ghaliex l-akkuzat kien qallha biex ma tghajjatx u ma titkellmix f'okkazjoni wahda biss u cioe' meta kien hemm l-istupru fuq il-bejt. Jinghad li dan ukoll hu vero simili ghaliex kieku ghajtet kienet tattira l-attenzjoni tal-familjari li kienu fis-sular ta' isfel. Kien proprju dak in-nhar li hija kellha ghalfejn tgholli l-vuci u tghid 'ahh' ghax kien hemm il-penetrazjoni, jew il-bidu taghha, u ghalhekk kien normali li setghet tghajjat bl-ugiegh ghax kienet l-ewwel penetrazzjoni taghha. Waqt li l-abbuz l-iehor li sar taht il-lozor ma kienx ta' ugiegh fiziku u ghalhekk ma kellhiex ghalfejn tghajjat bl-ugiegh u tigi mwaqqfa. Wiehed irid izomm f' mohhu dak li dejjem qalet li dan kien il-kugin prim taghha u li l-hajja tal-familja *Omissis* kienet ticcentra fuq id-dar tan-nanna. Jidher li *Omissis* kient genwina ukoll ghaliex tghid li kien hemm istanza meta kienet hi stess li avvicinat lil *Omissis* u dan ghaliex hekk hass il-gisem taghha u dan meta kienet kibret ftit. Ghalhekk kieku *Omissis* ridet tpoggi l-htija kollha fuq *Omissis* ma kienitx issemmi incident bhal dan li del resto ukoll gie michud mill-akkuzat.

Id-difiza tghid li *Omissis* ma setghetx tghid jekk gietx penetrata mill-pene tal-akkuzat fl-incient tal-bejt, ghaliex hija kellha darha lejh. Pero' meta giet mistqosija x'hasset qalet wara li ddiskriviet li kien nehhilha is-shorts u l-panty li kien ippenetraha. Mistosija kif taf li kien l-organu maskili tghid ghaliex kien iktar wiesgha minn seba u dan ifisser li l'feeling kien wiehed ta' laham u ghalhekk

huwa indikattiv li kien il-pene. Fil-fatt ex admisses tghid 'kont naf li mhux subajgh dak mhux daqshekk kbir'. Ma jfissirx ghax bniedem ma jarax m'ghandux ikollu is-sens tal-'mess'.

Id-difiza tghid li *Omissis* ma kienitx kredibbli ghaliex ma qalitx bi precizjoni meta sehh l-abbuz u ma kienitx cara fit-time-line taghha. Dan ukoll huwa indikattiv li kien hemm retreizzjoni ta' incidenti li ma qaditx tirrekordja d-dati taghhom. Pero' jinghad li ghalkemm forsi ma ftakritx il-jum partikolari, ftakret dak li ghaddiet minnu li ai fini tat-tieni u tielet akkuza huma bizzejjed ghaliex l-akkuzat bir-reati ta' abbuz sesswali li sehhew fuq medda ta zmien. M'hemmx dubbju li jekk l-incidenti sehhew darba kull gimghatejn jew kull gimgha, fuq medda ta' sebgha snin, minkejja li kien hemm xi zmien meta dawn l-atti kienu waqfu, xorta jirrizutla lil Qorti li fil-fatt l-atti sehhew…ma jirrizultax l-ammont ta' incidenti fejn giet abbuzata pero' jirrizulta ghas-sodisfazzjoni taghha li giet in effetti abbuzata.

Id-difiza tghid li ix-xhieda ta' *Omissis* hija nieqsa minn kull dettal. Tiddeskriviha bhala narattiva xotta. Hawnhekk ukoll il-Qorti tikkonkludi li din hija tfjala li giet abbuzata u mhux tfajla li kellha fuq xiex tiftahar. Hija tfajla li kienet qed taghti rakkont dwar dak li ghaddiet minnu u cioe' l-eventi negattivi ta' hajjitha. Ghalhekk kien jispetta li tkun skjetta f'dak li tghid ghaliex kif qalet hi stess kienet imdejqa b'dak li gralha tant li kienet tobghod lil gisimha, u li kellha low self esteem. Din il-Qorti kienet tinkwieta aktar li kieku x-xhud qadet tiftahar b'dak li ghaddiet minnu. Dawn l-episodji hallew impatt negattiv f'hajjitha. Ghalhekk, ghalkemm din il-Qorti ma taqbilx ma dak li qalet l-prosekuzzjoni li kien hemm kultura ta' zeblieh, xorta thoss li *Omissis* giet imzebilha. Il-kelma 'kultura' ma kienitx f'lokha.

Id-difiza tipprova titfa dell fuq *Omissis* ghax ta' hmsitax il-sena gia kellha zewg boyfriends. Jirrizulta li dawn iz-zewg boyfriends kienu tfal li jattendu l-iskola maghha u dan ghaliex kif stqarret hi stess tmur fi skola co-ed. Jidher minn dak li qalet li r–relazzjoni taghha maghhom kienet wahda ta' tifla u cioe' li zzomm id l-gharus, tbusu, tghanqu u johorgu flimkien. Ma ingibet l-ebda prova kuntrarja ghal-dak misqarr minnha. Vera jirrizulta li dawn iz-zewg subien kienu jmorru ghand ommha u missierha pero' dan ghandu ifisser dak li kien ifisser snin ilu fis-sens li dahlu ghand il-genituri taghha ifisser li kienu gharajjes lesti ghaz zwieg? Jew li dan ifisser li kellha hajja ta' attivita sesswali maghhom? Mistoqsija jekk kienux imorru ghand in- nanna tghid le u dan hu korroborat minn xhieda ohra. Tghid li l-boyfriend kien ikun id-dar ta' ommha u missierha is-Sibt u gieli l-Hadd. B'dan din il-Qorti ghandha tifhem li din it-tfajla qed tghix xi hajja normali.

**Ikkunsidrat ulterjorment.**

Illi fl-ewwel lok *Omissis* gie akkuzat bir-reat ta' stupru aggravat, u dan ghaliex gie kommess fuq minuri ta' eta izghar minn tnax-il sena, fuq persuna li tigi minnu fid-demm stante li *Omissis* hija l-prim kugina tieghu .

Illi l-vittma *Omissis* Debono tghid fix-xhieda taghha kemm quddiem l-Ispettur Ciantar meta kienet qed taghmel id-dikjarazzjonai taghha, kemm quddiem l-Qorti fl-atti tal-kumpilazzjoni kif ukoll quddiem din il-Qorti Kriminali li meta hija kellha ghaxar l-akkuzat kien tellaghha fil-kamra tal-bejt fid-dar ta' nannitha u poggiha wiccha lejn il-*washing machine*, nehhilha ix-shorts u qalziet ta taht u ppenetra minn wara ghal quddiem. Tghid li hija bdiet twegga u ghalhekk imbaghad waqaf ghalhekk lahaq kien hemm penetrazzjoni fl-oroface taghha. L-akkuzat dan jichdu. Illi din il-Qorti ma tara l-ebda raguni 'l ghala m'ghandhiex temmen lill-vittma meta din kienet konsistenti mill-bidu sa l ahhar dejjem tat l-

istess versjoni ta' kif graw il-fatti u fl-ebda hin ma ziedet jew/ u kabbret l-istorja. *Omissis* tispjega kif dakinhar u dakinhar bissmeta hija ghajtet Ahh, l-akkuzat waqqafha u qallha beix ma tghajjatx u ftit wara libset u nizlu. Huwa vero simil li persuna li tigi penetrta ghall-ewel darba tghajjat u huwa veo simili li l-aggressur isikkitha u ighidilhabeix ma tghajjatx jekk kienjaf li kein qed jghamel hazing?

Id-delitt ta' stupru taht l-artikolu 198 tal-Kodici Penali jikkonsisti essenzjalment f'kongungiment karnali bi vjolenza. Il-ligi ma taghtix definizzjoni dettaljata ta' x'tip ta' kongungiment karnali irid ikun hemm ghar-reat ta' stupru.

Illi sabiex jissussisti r-reat tal-istupru bhal kull reat iehor, jehtieg il-presenza tal-element kemm materjali kif ukoll dak formali. Bl-att materjali allura jkun il-kongungiment karnali kontra il-volonta' tal-vittma. Illi maz-zmien dan il-kongungiment karnali nghata tifsira aktar wiesgha minn dik tradizzjonali sabiex b'hekk illum din tinkludi l-icken bidu ta' konnessjoni karnali bl-inseriment forzat tal-pene maskili f'wahda mit-tlett orefici intimi tal-persuna – u cioè il-halq, il-vagina u l-anus kemm bejn nies tas-sess oppost, kif ukoll bejn dawk tal-istess sess. Pero dinit-tifsira ta illum ma tapplikax ghal kaz in dezamia stante li l-istupru sehh qabel ma gew introdotti l-emendi fil-ligi.

*"Per la maggioranza della dottrina (bħal Manzini, Manfredini, Jannitti Piromallo E.), invece, la congiunzione carnale non presuppone necessariamente ne` la normalita` della copula, ne` la diversita` del sesso tra i due soggetti. Essa, percio`, viene ravvisata anche nel coito anale e in quello orale (la c.d. fellatio in ore), anche quando avvengano tra persone del medesimo sesso (accoppiamento omosessuale)."*

Jgħid ukoll l-**Antolisei** li l-Qorti ta' Kassazzjoni taqbel ma' dan il-ħsieb: *"E cioe` per l'opinione secondo la quale costituisce congiunzione carnale non soltanto la compenetrazione fra organi propriamente sessuali, e cioe` la copula nello stretto senso*

*fisiologico (coito vaginale), ma anche il coito anale e il coito orale, qualunque sia il sesso del violentato. Cfr. Cass. 22 maggio 1963, in Giust. Pen. 1964, II, 253, 327; Id., 28 marzo 1961, in Mass. pen. 1961, m. 1177; Id. 26 giugno 1958, in Giust. pen. 1959, II, 96, 116".* Ma jonqosx li jindika wkoll li hemm "*dissensi di giudici di merito. Nel senso del testo, per esempio, Trib. Vallo di Lucania, 8 ottobre 1956, in Giust. pen. 1957, II, 493.* [33]"

Il-liġi tagħna tippunixxi lil min "*bil-vjolenza, jikkommetti stupru fuq persuna tas-sess il-wieħed jew l-ieħor*". Il-liġi ma tiddefinix x'għandha tkun in-natura ta' l-istupru. Irid, naturalment, ikun hemm konġunġiment karnali li, skond l-artikolu 206 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għandu jitqies ikkunsmat bil-bidu tal-konġunġiment, mingħajr ma tkun meħtieġa l-prova ta' atti oħra. Fil-fatt kif inghad fis-sentenza mghtija fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ommissis**[34] "*biex ikun hemm ir-reat ta' stupru mhux mehtieg li jkun hemm penetrazzjoni shiha w l-icken bidu ta' konnessjoni karnali hija sufficjenti biex jissussisti r-reat.*"

Id-dottrina Maltija hija fis-sens li r-reat ta' stupru huwa ikkunsmat meta jigi pprovat:
" *The commencement of the connection without the necessity of proving any further acts*" ( vide Criminal Law - Profs A Mamo pg 194)

Ir-Reat ta' stupru jissussisti ," *upon proof of penetration only: and the slightest penetration is sufficient*" (Ibid).

Ix-xhieda tal-minuri *Omissis* hija tragika ghal ahhar u dan qed jinghad b'referenza ghal meta ex adnmisses tghid li :-

"*tellghani fuq il-washing machine, sidri fuq il-wasjing machine u nehheli l-qalziet, ix-shorts u l-qalziet ta' taht u dahhal il-parti privata tieghu fil-parti privata tieghi.*"

[33] il-Pulizija vs A. B. Deciza app inf. 27.05.2015(105/2012
[34] Deciza mill-Qorti tal Appelli Kriminali fl-14 ta' Settembru 2003 per Imhalelf Galea Debono

Meta imbaghad il-Qorti staqsietha *"jigifieri qed nifhmek sew jekk dahhal il-parti tieghu fil-parti tieghek minn wara hux hekk?"* hija kienet pronta u wiegbet "*pero' fil-parti ta' quddiem dahhalha…fil-vagina*"

Ix-xhud giet mistoqsija jekk dan l-att garax aktar min darba tghid " *le darba biss grat*". Mistoqsija jekk hux mieghu biss tghid li mieghu darba u ma haddiehor qatt.

Mistoqsija x'gara imbaghad meta dahhal il-parti tieghu f'taghha wiegbet "Jien ghedt '*ahh like weggajt*' u qalli '*shhhh*' tghajjatx. Imbaghad '*like hareg il-parti tieghu u qalli ilbes ha mmorru isfel"*.

Dan l-incident sehh meta *Omissis* kellha ghaxar (10) snin u ghalhekk fis-sena 2013 (peress li hija twieldet fis-sena 2003) ghaldaqstant, ai termini tal-artikolu 201(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-vjolenza hija prezunta. Fil-konfront ta' *Omissis*, in-nuqqas ta' kunsens irid jigi prezunt ghaliex il-kongungiment karnali sehh meta il-minuri kellha biss ghaxar snin.

Fix-xhieda taghha *Omissis* tinferixi li kienet mahkuma mill-kugin tant li kienet taghmel dak li kien ighidilha u cioe' ma tghajjatx biex ma jisimghuhiex, u zzomm halqa maghluq ghal zmien twil. Din is-suggizzjoni jew addirittura tipperpetuwa cirku infinit ta'abbuz. Din il-Qorti tinnota illi fil-kazijiet ta'stupru jew korruzzjoni ta'minorenni li jsehhu fuq medda ta' snin, kommess minn membru tal-familja, wiehed jistenna li jkun hemm livell ta' kontroll qawwi mis-sogett attiv fuq il-minuri. Dan il-kontroll huwa wiehed li huwa koltivat b'malizzja kbira. Wiehed irid jifhem wkoll illi l-membru tal-familja di solitu jkun jgawdi minn fiducja ceka tal-familjari. Hekk fil-fatt jirrizulta f'dan il-kaz. Fi-fatt donnu kienet familja wahda maghquda li igawdu il-hin taghhom ghand in-nanna. Dan qed jinghad

ghaliex ghand in-nanna kienu jiltaqghu kulhadd, iz-zijiet, u l-kugini. Hija din il-fiducja piena, u l-bonta' ta' familja versus l-aggressur mistur li jipprovdi l-coup de gras ghal minuri trappolata. Dan hu prorpju x'gara fil-kaz in desamina fejn il-familja *Omissis* daret konta *Omissis* ghaliex ghalet ir-rapport li ghamlt dwar *Omissis*. Hadd minnhom ma ta konfort izd daru kotnra taghha minghajr ma anke semghu il-verjsoni taghha.

Fil-kaz in-ezami kienet tezisti precizament din id-dinamika ta' relazzjoni familjari, l-fiducja piena tal-kugin il-kbir, il-kongungiment karnali inflitt fuq il-minuri *Omissis* sehh b'sottomissjoni (submission) ghal volji libidinuzi tal-akkuzat, u mhux bir-rieda hielsa tal-istess minuri li kienet ghadha innocenti.

**Fit-tieni lok l-akkuzat gie akkuzat bir-reat ta' partecipazzjoni f'attijiet sesswali ma persuna taht l-eta.**

F'dan il-kaz il-prosekuzzjoni trid tipprova li l-akkuzat ppartecipa f'attivitjiet sesswali ma persuna ta' taht l-eta' u cioe' ghamel attijiet sesswali ma *Omissis* meta din kienet ghadha minuri. Jirrizulta mix-xhida attendibbli li tat l-istess *Omissis* li l-akkuzat beda' jittanta meta hija kien ghad kellha sebgha snin. Spjegat kif fuq medda ta' ghaxar snin l-aktar fix-xhur tas-sajf huwa kien jghamel dawn l-atti sesswali maghha. Ex admisses tghid "*kien jaqbadli idejja biex naqbad il-parti tieghu u jtellahieli 'l fuq u 'l isfel.* (fol. 31). Tispjega li kien jegakola u wara imur jinhasel. Spjegt kif kien igieghlha tmiss il-parti privata tieghu u hu imiss il-parti privata taghha fuq medda ta' snin. Dawn kollha huma atti sesswali li gew kommessi ma pesuna taht l-eta' fuq medda ta snin apparti l-istupru li gie spjegat aktar' l fuq.

Mistiqsija x'kien ikun liebes tghid "*boxer u qalziet*". Mistoqsija fejn kien idahlilha idejha tghid "*li kien jaqbdilha idejha u idahhalha fil-boxer*" Mistoqsija jekk kienx fuq

il-gilda li kienet tkun idejha twiegeb 'iva'. Tispjega instanzi ohra meta kienidahhal subejgh fil-parti private taghha u kien joqghod idawru go fiha.

Apparti dawn l-atti pero' tghid ukoll l-incident meta kienet qed tipprova traqqad lil kugini fil-kamra tas-sodda ta' hdejn il-bieb ta' barra u intefghet torqod hdejhom u qadet tuza il-mobile. Tghid li l-akkuzat mar hdejha u jaqbdilha idejha u hi bdiet tnehhi idejha pero' tghid li "*peress li aktar b'sahtu minni like xorta sforzani*".

M'hemmx dubbju li dawn huma l-atti sesswali li l-legislatur irid jipprojbixxi li jsiru fil-presenza u fuq il-persuna ta' minuri. Din l-akkuza hija ukoll provata.

**Fit-tielet lok l-akkuzat gie akkuzat bir-reat ta' Korruzzjoni ta' minorenni**

Dwar dan ir- reat li bih gie akkuzat l-imputat mill-Avukat Generali, li hu dak ta' korruzzjoni ta' minorenni, il-Qorti taghmel referenza ghall-artikolu 203 li jiddisponi 'li kull min b'eghmil zieni jikkorrompi persuna ta' taht l-eta'. Is-sub-artikolu (1) jelenka c-cirkostanzi aggravanti ghal dan r-reat u cioe':

"a. jekk d-delitt isir bi hsara ta' persuna li m'ghalqitx l-eta ta' tnax il-sena, inkella bi vjolenza;
b. jekk d-delitt isir b'theddid jew b'qerq;
c. jekk d-dlitt isir minn axxendent mid-demm jew bi zwieg jew mill-issier jew l-omm addottivi, jew mit-tutur tal-minuri, jew minn haddiehor li lilu imqar jekk ghal xi zmien, ikun gie fdat il-minuri sabiex jiehu hsiebu, jedukah, jindukrah jew jzommu".

Il-Professur Mamo fin-Noti tieghu Notes on Criminal Law, jelenka t-tlett elementi ta' dan r-reat u cioe:

1. l-eta tal-vittma li ghandha tkun inqas minn tmintax il-sena (illlum sittax-il sena);
2. l-element materjali tar-reat u cioe' l-atti impudici maghmula jew fuq il-vittma jew fil-presenza tal-vittma;
3. il-korruzzjoni tal-minorenni.

Huwa jghid li:

"*For the subsistence of the crime it is not necessary that the defilement shall be immediate. The very young age of the person with whom the lewd acts have been committed, does not rule out the crime, if the remembrance of such acts is calculated to cause the defilement. Indeed according to our law, if the victim is under twelve years of age, that is reason for aggravating the crime… In other words if the acts in question are lewd acts, that is apt to bring about a lesion of the moral integrity of the passive subject in respect of sexual matters, then in the absence of any indication that the said passive subject has not been effected by these acts, for example because he or she was to some degree already deprived - whoever has to judge the facts may reasonably conclude that there was actual or effective defilment.*"

Kif gie enuncjat fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija v George Portelli***,[35] il-gudikant ghandu jaghmel l-apprezzament tieghu tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz u jqabbel in-natura tal-att mal-grad ta' korruzzjoni gia milhuq mill-minuri biex jara jekk dak l-att kommess fuq il-persuna jew anke fil-presenza biss tal-minuri, jista' attwalment jinghad li bih l-persuna giet korrotta.

Importantissimu fl-opinjoni ta' din il-Qorti dak li jghid l-awtur **Filippo Marci** fl-opera tieghu Reati Sessuali[36] li f'dan id-delitt l-legislatur ried d-dannu effettiv, li ma jistax jigi presunt. Imma ghandu jigi ppruvat bhala fenomenu accettabbli u

[35]Ddeciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-20 ta' Frar 1975
[36] Torino Fratelli Borca - Edit. 1927 - pg. 194

ghalhekk iddispona li l-attijiet ta' libidini jridu "jikkorrompu" u mhux semplicement li "jistghu jikkorrompu" kif kien jghid kieku dan kien il-hsieb u l-intenzjoni tieghu.

"*Ed e' nozione elementare*" jkompli jghid "*che a produrre il fenomeno non basta la causa, e la qualita e capacita di esso a produrlo ma e' necessario l'offerta che lo compliti e lo esamisca perche ci sia un danno della corruzione*."

Dwar t-tifsira ta' dak li jikkostitwixxi *atti di libidine*, il-Qorti taghmel referneza ghal sentenza fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Thomas Wiffen** [37]li tghid:

"*Lewd acts are therefore all those acts 'diretti ad ecitare la propria consupiscenza verso piaceri carnali turpi per se stessi o per le circostanze in cui si cerca di provocarli ovvero diretti a sodisfare sifatta concupiscenza' the duration of these acts is immaterial for the nature of a lewd act. Whether there has been difilement or not, is not something that can be measured with any known scientific instrument, but is something which has to be assessed by the prudent judge, the lay judge in the case of a trial by jury, the professional magistrate or judge in all other cases - taking into account all the circumstances of the case, including in particular the age of the victim and the nature of the act or acts*."

Issa f'dan il-kaz, il-Qorti hija rinfaccata b'eccess ta' atti libidinuzi li jaffettwaw l-aptit sesswali. Ma hemmx dubbju li tbaghbis tal-parti privata tal-minuri *Omissis* u tal-parti privata ta' *Omissis* minn *Omissis* kif ukoll l-ejakulazzjoni ta' *Omissis* fil-presenza ta' *Omissis* apparti l-istupru jammontaw ghal-atti di libidine. Illi l-fatt li dawn l-atti saru fuq medda ta' snin waqt li l-vittma kienet ghadha zghira u saru minn kugin fuq il-kugina zghira tieghu, li saru fid-dar tan-nanna meta kien ikun hemm il-familjari taht l-istess saqaf huma cirkostanzi li zgur jeffettwaw lil minuri fil-korruzzjoni taghha. Illi l-agir tal-akkuzat huwa wiehed ta' stmerrija u

[37] Deciza mill-Qorti talAppell Kriminali nhar t-tmienja ta' Jannar 1996

kudannabbli bl-aktar severita′ u dan ghaliex t-trawma li hu ghadda lil kugina il-minorenni ser tibqa′ maghha tul hajjitha kollha. Illi it-tfajla minorenni sa jumejn ilu li dehret innocenti fix-xhieda taghha giet esposta ghal xeni disgustanti, immorali u xejn inqas skandaluzi. Illi din il-Qorti ma tistax ma tikkundannax dan l-agir barbaru w annimalesk tal-akkuzat ma′ tfajla daqshekk zghira.

Dawn l-atti ta' indicenza zgur li jnisslu "*senso di disagio, disgusto e repulsione*" [vide **<u>Il-Pulizija v Raymond Caruana</u>** [38]. Ma hemmx dubbju li tfal tal-eta tal-vittma li giet esposta ghal ghemejjel tal-akkuzat fl-eta′ li kellha ma tistgha ma tigix korrotta, molto piú meta tqis li ma kienitx taf certi affarijiet tal-hajja kif mistqarr minnha. Altru esperjenzi sesswali fil-kors normali tal-izvilupp fisjologiku ta' dak li jkun hu altru imposizzjoni ta' sitwazzjoni, determinat ta' ghemil zieni, li manifestament jipproduci lezjoni fl-integrita morali tal-minorenni. Ma hemmx dubbju ghalhekk li dan hu reat ta' korruzzjoni, kif aggravat kif hawn taht imfisser.

Ir-reat ta′ korruzzjoni ta′minuri huwa dak mahsub fl-Artikolu 203 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta′Malta li jiritieni:

(1) Kull min, b′egħmil żieni, jikkorrompi persuna ta′ taħt l- età, tas-sess il-wieħed jew l-ieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta′ priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha:

Iżda, il-piena għal dan id-delitt tkun ta′ priġunerija minn tliet snin sa sitt snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha, f′kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) jekk id-delitt isir bi ħsara ta′ persuna li ma għalqitx l-età ta′ tnax-il sena, inkella bi vjolenza;

---

[38] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tmienja ta' Jannar 1996

Fin-noti tieghu dwar id-dritt penali, il-Professur Mamo jelenka l-elementi legali rikjesti sabiex tirnexxi din l-azzjoni penali. Fi kliemu jghid illi dana ir-reat: "*deals with those lustful acts not consisting in carnal knowledge or attempted carnal knowledge with violence, whether actual or constructive, committed on the person or in the presence of any individual, whether male or female, and capable of defiling such individual.*"

Kwindi l-ewwel element rikjest hija l-eta' tal-allegat vittma li per forza trid tkun minorenni; it-tieni element imbaghad, jikkostitwixxi l-element materjali tar-reat u cioe' l-eghmil zieni. "*Lewd conduct is any unlawful act committed by an individual with the purpose of arousing the libido or sexual interest of themselves or the person towards whom this action is directed.*" Il-Professur Mamo ikompli "*this expression does not include mere words, or any picture, book or representation, though obscene, or other indecent facts which affect only the moral sense. These do not constitute the crime in question. It is required that the defilment be by lewd acts, which acts must be committed either on the person of the minor or at least in his presence*".

Isostni:

"*To take a different view would be to ignore the obvious spirit of the law in creating the crime, that is the desire to protect youth from the pernicious effects of moral defilment and, therefore also from all those acts, which, although they take place without physical contacts, are nevertheless inherently intended to defile.*"

Jiddeskrivi dawn l-atti bhala: "*inclusive of all acts directed to the indulgence of the sexual apetite.*"

Fl-ahharnett it-tielet element rikjest huwa l-att tal-korruzzjoni. Ghalkemm kien hemm guristi li ma qabblux dwar il-fatt jekk minuri li diga' huwa korrott jistax ikun soggett ghal koruzzjoni u kwindi jistax jaqa' vittma ta' dana ir-reat,

madanakollu il-qrati taghna dejjem sahqu illi l-fatt illi minuri ikun diga' gie soggett ghal korruzzjoni ma jeskludix il-kummissjoni ta' dan ir-reat fil-konfront tieghu.

Ghal dak li jirrigwarda imbaghad il-*mens rea* rikjesta ghal kummissjoni tar-reat tal-korruzzjoni tal-minorenni il-Professur Mamo huwa tal-fehma illi ma hijiex necessarja xi intenzjoni specifika wara l-kummissjoni ta' dana ir-reat:

*"The defilment whether intended or not, must be considered as a necessary consequence of the lewd acts themselves, leaving it in every case to those who are to judge to determine whether they were calculated to defile."*

Il-Gurisprudenza Maltija hija abbundanti b'sentenzi illi jindirizzaw dak li jista' jigi kkaratterizzat jew dak illi jikkonsisti f'atti di bidini jew *lewd acts* izda forsi s-sentenza illi l-aktar illi taghti deskrizzjoni milquta hija dik kwotata aktar il-fuq fl-ismijiet ' Pulizija versus Wiffen.

Imbaghad fis-sentenza **<u>Pulizija versus Andrew Bonnic</u>**i,[39] il-Qorti qalet is-segwenti:

*'Tifel ta' appena tlettax-il sena li jigi espost ghall-eghmil li jaghmel l-appellant, kemm fuqu nnifsu, kif ukoll fuq ilpersuna tal-istess tifel, ma jistax ma jigix korrott anke jekk forsi dak it-tifel ikun diga' jaf certi fatti tal-hajja, jew ikollu xi esperjenza sesswali. Altru esperjenza sesswali fil-kors normali tal-izvilupp fizjologiku ta' dak li jkun, u altru impozizzjoni ta' sitwazzjonijiet determinati minn eghmil zieni, li manifestament jipproducu lezjoni f'integrita' morali tal-minorenni.'*

---

[39] Deciza mill-Qorti tal Appelli Kriminali nhar it-23 ta' Jannar 1998.

Fil-kaz in ezami l-atti di libidini kienu jikonsistu minn konkungiment karnali, li huwa kategorizzat bhala l-apice t'ghemil libidinuz kif inhu meqjus, it-tqeghid forzat tal-pene fil-parti privata tal-minuri, kif ukoll toccment ta' parti privata taghha mill-akkuzat u tokkament minn naha taghha tal-parti privata tal-akkuzat. Fil-fatt tghid li kien jaqbdilha idejha u jpoggiha fuq idu u jghinha itellaghha u inizzilha. Jirrizulta bl-aktar mod ampju illi dawn huma kollha atti di libidini ta' serjeta' konsiderevoli.

Il-Qorti imbaghad ghaddiet biex tezamina jekk kemm il-darba l-atti prattikati fuq il-minuri, attwalment wasslux sabiex jikkorrompu l-istess minuri u ghal dan il-ghan ghamlet referenza ghall-insenjament tal-principji enuncjati mhux biss fil-Gurisprudenza fuq citata izda wkoll fil-kawza **<u>Pulizija versus Carmelo Spiteri</u>** ;[40]

*'Huwa fatt li jistghu jinqalghu kazijiet fejn l-allegat suggett passiv tar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 203, minhabba hajja dedikata ghall-laxxivja u ghall-pjaciri sesswali, ikun fi stat ta' travjament morali tant komplet li difficli wiehed jista' jimmagina kif jista' jigi ulterjorment korrott, u kazijiet bhal dawn gieli gew ikkunsidrati minn din il-Qorti, izda huwa cert ukoll li l-esperjenza sesswali precedenti mhux necessarjament teskludi l-possibilita' li jkun hemm korruzzjoni ghaliex kif intqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali, in re, **<u>Il-Pulizija versus George Portelli</u>**, deciza fit-2 ta' Frar 1975, (fejn dik il-Qorti kienet abbraccjat it-tejorija moderata tal-Maino), mhux qed jinghad li persuna gia parzjalment korrotta, ma tistax tigi korrotta izjed. Si tratta ta' kwistjoni ta' bilanc.'*

Fil-kaz in ezami l-Qorti ghandha quddiemha tifla li bdiet tigi korrotta meta kien ghad kellha sebgha snin u baqghet ghaddejja bl-atti ta' korruzzjoni ghall-perijodu ta' sebgha snin sakemm kellha erbatax-il sena u waqt li kienet ghada tattendi l-iskola tant li hija svelat minn dak li kienet ghaddej lil guidance teacher

[40] Deciza mill-Qorti tal Appelli Kriminali nhar il-20 ta' Marzu 1989

tal-iskola. L-eghmil ta' l-akkuzat sehh bi frekwenza sinifikanti (gieli darba u gieli dabtejn fil-gimgha), u fuq medda ta' sebgha snin.

Fl-isfond tal-provi fuq indikati, ir-reat tal-korruzzjoni tal-minorenni kif indikat fit-tielet akkuza, huwa aggravat bl-eta', ai termini tal-Artikoli 203(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta'Malta, il-ghaliex kemm il-minuri *Omissis* kien ghad kellha biss sebgha snin meta l-akkuzat beda b'din il-korruzzjoni. Jirrizut aukoll l-aggravju tar reat kontnwat statne li l-atti sehhew fuq medda ta snin.

Illi ghalhekk it-tlett akkuzi jirrizultaw provati pero l-Qorti thoss li l-ewwel u it-tieni akkuza huma inkorporati fit-tielet akkuza.

Dwar il-piena il-Qorti ma tistax ma tikkumentax li tali reati huma disgustanti u abborrenti meta tqis li gew kommessi fuq minorenni ta' sebgha snin, baqghu ghaddejjin ghall-perijodu ta' sebgha snin shah u molto piu meta tqis li gew kommessi fuq membri tal-istess familja fejn suppost ghandu jirrenja l-paci, l-ghaqda u l-imhabba u ghalhekk l-Qorti qiset is-segwenti:

1. Il-fatt li l-minuri damet issofri dawn l-atti sesswali ghall-perijodu ta' sebgha snin.
2. Li l-korruzzjoni bdiet meta l-minuri kien ghad kellha biss sebgha snin u li in effetti kellha sahansitra meta ghalqet ghaxar snin tkun ukoll vittma ta' stupru aggravat.
3. Il-fatt li l-akkuzat jigi prim kugin tal-vittma *Omissis* u li ghalhekk messu ipprotegiha mill-hazen u mhux jikkometti il-hazen hu stess fuq l-persuna taghha.
4. It-trawma li ghaddiet il-minuri u cioe' li tirrakonta dak li ghaddiet minnu diversi drabi.

5. Il-fatt li hemm reati li jridu jigu assorbiti f'xulxin ghall-fini tal-piena kemm taht l-artikolu 17(h) kif ukoll minhabba l-konkors ideali jew formali w dan kellu jittiehed in konsiderazzjoni mill-Qorti fl-erogazzjoni tal-piena.
6. Li ir-reati gew kommessi fid-dar tan-nanna, post li suppost il-membri tal-familja imorru hemm sabiex isibu refugju.
7. Li reati ta' din ix-xorta ihallu impatt kbir kemm fuq il-vittma li tibqa' iggorr it-trauma taghha matul hajjitha kif ukol fuq is-socjeta' in generali.
8. Li l-vittma u l-familja taghha gew emarginati mill-familja materna taghhom.
9. Li r-reat ta' stupru kien wiehed isolat u li fil-fatt kien hemm biss il-bidu ta penetrazzjoni.
10. L-istmerrija ta' dawn ir-reati mis-socjeta' in generali.

Min naha l-ohra tqis li l-kaz ma damx li gie konkluz tant li l-akkuzat tressaq il-Qorti fid-19 ta' Novembru 2017 u ghalhekk gie solvut fi zmien qasir.

Dwar il-peina l-Qorti ghandha is-segwenti xi tghid.

Dwar l-ewwel kap tal-akkuza u cioe' ir-reat ta' stupru, jinghad li r-reat sar meta *Omissis* kellha ghaxar snin u ghalhekk dan ifisser li l-akkuzat kellu dsatax-il sena stante li *Omissis* twiledet fl-4 ta' Jannar, 2003 u l-akkuzat twieled fid-29 ta' Novembru 1993 ghalhekk dak li stqarret id-difiza li l-akkuzat kien miniorenni meta sehh ir-reat mhux minnu u ghalhekk m'ghandux ikun hemm tnaqqis ta' piena skond l-artikolu 37 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Peress li din il-Qorti qed issibu hati tar-reat ta' stupru, l-piena applikabbli hija dik skond l-artikolu 198 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li qabel l-emendi tal Att XII ta' 2018 jipprovdi minimu ta' tlett snin u massimu ta' disgha snin minghajr l-aggravji.

Issa mill-atti jirrizulta li dan kien att isolat u ghalhekk ma hemmx l-applikazzjoni tal-artikolu 18 u cioe' talli ikkometta dan ir-reat fuq medda ta' zmien.

Illi pero' jirrizulta l-aggravju moghti mill-Avukat Generali kif kontemplat skond l-artikolu 202(h)(viii) li kien gia in vigore qabel l-emendi ta' l-Att IV tal-2014 u l-Att XII tal-2018 li jipprovdi li f'kaz ta' htija meta id- delitt isisr fuq il-persuna ta' persuni ohra li jigu minn xulxin mid-demm jew miz-zwieg fit-tielet grad inklussivament il-peina tizdied bi grad (wiehed).

Illi ghalhekk skond l-artikolu 31 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-piena massima hija dik ta' tnax-il sena skond is-subinciz 31(1)(b)(iv) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Jinghad li minkejja is-suespost l-Avukat Generali ghogbu jiccita fl-artikoli tieghu l-artikolu 202 sub inciz (g) tal- kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li fiz-zmien meta gie kommess ir-reat kien jipprovdi li l-aggravju jissusti jekk 'il-persuna li giet stuprata ma tkunx ghalqet id-disgha snin' u mhux kif inhi illum bl-emendi li saru bl-Att IV tas-sena 2014 li l-aggravju jissusisti ' jekk il-persuna li giet stuprata tkun minuri.

Illi ghalhekk dan l-aggravju u cioe' dak skond l-atikolu 202(g) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma jirrizultax u ghalhekk mhux ser issibu hati tieghu.

Dwar l-aggavju l-iehor citat mill-Avukat Generali bhala l-artikolu 202(k) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jinghad li fiz-zmien meta gie kommess ir-reat ma kienx jezisti u ghalhekk mhux applikabbli u konsegwentement mhux qed issibu hati tieghu. L-istess ghandu jinghad ghall-aggravju moghti mill-Avukat Generali citat bhala l-artikolu 202AC(2) u ghalhekk lanqas dan l-aggravju ma jista' jirrizulta .

Ghalhekk l-piena massima applikabbli ghar-reat kontemplat fl-ewwel Kap ta' l-akkuza hi dik massima ta' tnax-il sena (12).

Dwar it-tieni kap tal-Akkuza u cioe' tar-reat ta' partcipazzjoni ta' attivitajiet sesswali ma persuni taht l-eta' kif kontemplat fl-artikolu 204C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-piena applikabbli f'kaz ta' htija u qabel ma saru l-emendi tal-Att XIII tas-sena 2018 (dan qed jinghad ghaliex l-akkuzat tressaq il-Qorti fis-sena 2017) kien dak ta' hames (5) snin massimu. (Jinghad li illum huwa ta' ghaxar snin massimu u hames snin minimu).

L-Avukat Genrali ghogbu jakkuza lill-akkuzat bl-aggravji ukoll fir-rigward ta' dan ir-reat u cioe' dak kontemplat fl-artikolu 18 ta' reat kontinwat. Dan bla dubbju ta' xejn japplika u ghakhekk f'kaz ta' htija il-Qorti tista' zzid il-piena bi grad jew tnejn u ghalhekk f'dak il-kaz jekk tizdied bi grad il-piena toghla ghal sitt snin (6) u jekk tizdied b'zewg gradi issir disgha (9) snin. Pero' f'dan ir-rigward iz-zidiet fil-pieni bl-ghola ta' grad jew tnejn hija diskrezzjonajra.

Illi apparti l-aggravju tar-reat kontinwat, l-Avukat Generali ghogbu jghati ukoll l-aggravji imsemmija fis-sub-incizi 1(b), (d), (e) u (2) tal-artikolu 208AC apparti minn hekk iccita ukoll l-artikolu 202(h)(vii) u 202(j) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi jinghad li skond l-artikolu 208AC f'kaz li l-aggravji jirrizultaw il-peina "*ghandha tizded bi grad jew b'zewg gradi f'kul kaz minn dawn li gejjin*". Ghalhekk jinghad li stante li *Omissis* hija persuna vulvnerabbli kif deskritta fl-artikolu 208AC(2), l-aggravju skond l-artikolu 208AC(b) jirrizulta provat. Illi skond is-sub inciz (d) l-aggravju jirrizulta jekk id-delitt isir fuq l-persuna li tigi minnha fid-demm u f'dan il-kaz is-sub inciz (h)(vii) jirrizutla ukoll statne li *Omissis* u *Omissis* huma primi kugini. Dwar it-tielet aggravju u cioe' dak skond l-atikolu

208AC(1)(e) u cioe 'li *Omissis* jghix jew huwa membru tal-familja tal-vitma *Omissis* dan ma jirrizultax.

Illi in oltre l-Avukat Generali ghogbu jiccita ukoll l-aggravju kontemplat fl-artikolu 202(j) pero' minn qari ta' dan l-istess artikolu dan l-aggravju ghandu jirrizulta biss f'kaz li din il-Qorti qed issib lill-akkuzat hati ta' reati imsemmija fl-artikoli ta' qabel dan is-sub artikolu li mhux il-kaz peress illi ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni huwa dak kontemplat fl-artikolu 204C.

Ghalhekk fir-rigard tat-tieni kap tal-akkuza l-akkuzat ghandu jinsab hati tar reat ta' partcipazjoni f'attivita sesswali ma' minorenni skond l-artikolu 204C kif aggravat bl-artikolu 208AC(1)(b) u (d). Ghalhekk il-piena ta' hames snin massimu kif kontemplat fl-artikolu 204C jista' jitla sa disgha snin jekk jizdidu z-zewg gradi skond l-artikou 208AC(1)(b) u (d). Jinghad ukoll li skond il-proviso ta' dan l-istess artikolu 208AC il-piena li trid tinghata hi l-piena l-aktar gravi u ghalhekk l-aggravji iridu jinhadmu fuq il-perijodu massimu ta' hames snin. F'kaz li din il-Qorti izzid l-aggravju tar-reat kontinwat ghalkemm dan hu diskrezjonarju il-piena tista' terga tizdied b'grad jew zewg gradi ohra u b'hekk il-piena toghla sa tnax-il sena jekk jigi applikat grad u sa ghoxrin sena jekk jigi applikat b'zewg gradi. Dan meta l-Qorti qieghda tapplika biss zieda bi grad wiehed ghal kull aggravju kif kontemplati fl-artikoli 208AC(1)(b) u (d).

Dwar it-tielet Kap ta' l-Akkuza u cioe' dwar korruzzjoni ta' minorenni kif kontemplat fl-artikolu 203 tal-Kap 9 jinghad li l-piena *ut sic* f'kaz ta htija huwa dak ta' mhux izjed minn tlett snin prigunerija. Izda f'kaz ta' persuna li ma ghalqitx it tnax-il sena l-piena toghla minn tlett snin sa sitt snin skont il-proviso tal-istess ligi.

L-Avukat Generali ghogbu jiccita ir-reat kotinwat skond l-artikolu 18 tal-Kap 9 u ghalhekk il-piena tista' tizdied bi grad jew tnejn f'liema kaz il-piena jekk tizdied bi grad toghla u tilhaq disgha snin u jekk tizdied b'zeweg gradi toghla sa tnax-il sena.

Ghalhekk bl-applikazzjoni tal-artikolu 17(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti ghanda tara liema reat ghandu l-oghla piena li f'dan il-kaz hu ir-reat ta' stupru minghajr l-aggravanti kif kontemplat fl-ewwel Kap tal-Akkuza u zzid mieghu minn terz san-nofs taz-zmien tal-pieni l-ohra mehudin flimkien.

Ghalhekk ir-reat ta' stupru kif kontemplat fl-ewwel Kap tal-Akkuza iggib piena minn sitt snin sa tnax-il sena u ser izzid mieghu terz mill-piena applikabbli ghar-reat kif kontemplat fit-tieni Kap biz-zieda ta' grad ghal kull aggravju kif kontemplat fl-artikolu 208AC (1)(b) u (d) pero' mhux ser izzid l-ebda grad minhabba li hu reat kontinwat. U sejra wkoll tapplika l-proviso tas-sub artikolu (1) tal-artikolu 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tiddesisti milli tapplika z-zieda fil-piena minhabba li r- reat kien wiehed kontinwat.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 31, 198, 202 (h) (vii), 204C, ,208 AC (1) (b), 208 AC (1) (d), ,203, 208AC(2), 383, 384, 385, 412C, tal-Kodici Kriminali, tiddikjara lill-akkuzat *Omissis* hati talli:

1. Bejn Jannar tas-sena elfejn u tlettax (2013) u Jannar tas-sena elfejn u erbatax (2014), ġewwa l-Gzejjer Maltin, bil-vjolenza, ikkommetta stupru fuq il-persuna tas-sess femminili (*Omissis*), b'dana illi dan l-istupru huwa wieħed aggravat *stante* li ġie kommess fuq il-persuna ta' persuna oħra li jiġu minn xulxin mid-demm jew bi zwieġ sat-tielet grad inklusivament, u mhux hati tal-aggravju li kkometta l-istupru fuq minuri kif ukoll li ġie

kommess fuq persuna vulnerabbli, u ċioe' fuq persuna ta' taħt il-ħmistax (15)-il sena.

2. Bejn Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) u Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017), b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'rizoluzzjoni waħda, ġewwa l-Gzejjer Maltin, ipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taħt l-eta' (*Omissis*), b'dana illi dan ir-reat huwa wieħed aggravat *stante* li ġie kommess fuq il-persuna ta' persuna oħra li jiġu minn xulxin mid-demm jew bi zwieġ sat-tielet grad irrespettivament, kif ukoll ġie kommess fuq persuna vulnerabbli, u ċioe' fuq persuna ta' taħt il-ħmistax (15) -il sena, kif ukoll ġie kommess ripetutament u mhux hati talli ġie kommess fuq membru tal-familja tal-vittma.
3. Bejn Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) u Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017), b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'rizoluzzjoni waħda, ġewwa l-Gzejjer Maltin, b'egħmil zieni, ikkorrompa persuna ta' taħt l-eta', tas-sess femminili (*Omissis*) b'dana illi dan ir-reat huwa wieħed aggravat *stante* li sar bi ħsara ta' persuna li m'għalqitx l-eta' ta' tnax (12) il-sena.

Wara li qiset is-suespsot, tiddecidi li tikkundanna lil hati *Omissis* ghall-perjodu komplessiv ta'priguenrija ta' ghaxar snin (10) prigunerija effettiva.

Tordna li jinhareg Protection Order fl-isfond tal-artikolu 382A tal-Kap. 9 ghal tlett snin wara li l-hati jkun skonta tterminu ta' prigunerija favur *Omissis*.

Tordna l-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni favur il-vittma *Omissis* ghall-perijodu ta' tlett snin wara li l-hati jkun skonta t-terminu ta' prigunerija ai termini tal-artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna li l-isem tal-hati jkun inkluz fil-lista ta' pedofoli ai termini tal-Kap. 518 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna ukoll li isem l-akkuzat u tal-vitma ma jixxandrux f'kul mezz tax-xandir u dan bil-ghan li tali minuri tkun protetta essendo membri ta l-istess familja.

Tordna ukoll li isem l-iskola fejn tattendi l-vittma ma jixxandarx f'kull mezz tax-xandir.

Consuelo Scerri Herrera
Imhallef